# DAWL FRANĠISKAN

GĦADD 404 • NOVEMBRU 2020 • L-40 SENA

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN




**MARIJA, FARAĠ TAL-MIGRANTI U R-REFUĠJATI**

NEWSPAPER POST IISN 1811-5373

# WERREJ


3 **EDITORJAL**
**Nilqgħu... nipproteġu... nippromovu... u nintegraw lill-migranti u r-refuġjati f'pajjiżna**
FR PHILIP CUTAJAR OFMCap

5 **POEŻIJA**
**Novembru**
CHARMAINE TANTI

6 **REĊENSJONI**
**Il-vjaġġi ta' Marija Santissima**
MONS. ANTON SALIBA

12 **ESPERJENZI - GRUPP F.ACT**
**Kont il-ħabs u ġejtu maġenbi**
JASON ZAMMIT

14 **NIES MAGĦRUFA**
**Padre Raniero Cantalamessa 40 sena predikatur tal-papa**
FR PHILIP CUTAJAR OFMCap

18 **ĦIDMA MISSJUNARJA**
**Mons. Joseph Leo White "... a lifelong service for the benefit of others" (it-Tieni Parti)**
JOE FLASK

23 **SPIRITWALITÀ**
**Il-qaddis Padre Pio tal-pjagi u d-devozzjoni tiegħu lejn San Ġużepp (it-Tieni Parti)**
VINCENT VELLA OFS

26 **SPIRITWALITÀ ĠUŻEPPINA**
**San Ġużepp - 150 sena patrun tal-Knisja universali - xi statwi u niċeċ Ġużeppini (id-Disa' Parti)**
JOSEPH C. CAMILLERI BA; DEAM; M.ED. (PL. & MGT)

28 **AĦBARIJIET TAL-PROVINĊJA**
**Mid-Djarju tal-Kapuċċini Maltin**
BR MIGUEL ZAMMIT OFMCAP - SEGRETARJU PROVINĊJALI

32 **KNISJA: ĦAJJA, ĦIDMA U AĦBARIJIET**
**L-enċiklika *"ilkoll aħwa"* u l-Beatu Carlo Acutis**
FR SILVESTRU BONAVIA OFMCAP

34 **RIĊETTI TAL-QADDISIN**
**Ħobż tal-mejtin**
FR PAUL BUGEJA OFMCAP

35 **KOMPETIZZJONI**
FR WISTIN ATTARD OFMCap




## Ħsieb tal-faċċata

Disinn ta' Ħuna Bro. John Cassar OFMCap
Il-Papa Franġisku, permezz tal-Kongregazzjoni għall-Kult Divin u d-Dixxiplina tas-Sagramenti, nhar is-Sibt 20 ta' Ġunju 2020 tana żieda fil-Litanija Lawretana billi daħħal it-talba: 'SOLACIUM MIGRANTIUM' - 'FARAĠ TAL-MIGRANTI'. Hija invokazzjoni attwali u relevanti meta naraw tant minn ħutna l-bnedmin li jkollhom jitilqu pajjiżhom fi tfittxija għal ħajja aħjar.

## BORD EDITORJALI


**Editur**
Fr Philip Cutajar OFMCap

**Amministratur**
Dorian Holland OFS

**Distributur Malta**
Alfred Ebejer

**Distributur Għawdex**
Pierre E. Buttigieg OFS

**Membri**
Joe Debattista GFF
Silvana Galea - F.Act

**Direzzjoni u Amministrazzjoni**
Il-Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana - FRN1211

**Telefown:** 2123 3874,
2122 5525,
2123 4949

**Imejl:** dawlfrangiskan@gmail.com

IISN 1811-5373

**Disinn u Stampar:** Best Print Co. Ltd
**Telefown:** 2168 0789



© Dawl Franġiskan 2020



Pubblikazzjoni Franġiskani Kapuċċini

**Ħlas tal-Abbonament:**
€10.00 fis-sena

Kull offerta barra mill-ħlas hi milqugħa bħala għajnuna għall-missjoni u għandha tintbagħat lid-Direttur:
Ċentru Missjoni Kapuċċini,
Il-Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana - FRN1211

Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-*DAWL FRANĠISKAN* għandhom jiġu indirizzati lill-editur.
Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-*DAWL FRANĠISKAN* dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.



EDITORJAL

FR PHILIP CUTAJAR OFMCap

# NILQGĦU… NIPPROTEĠU… NIPPROMOVU… U NINTEGRAW LILL-MIGRANTI U R-REFUĠJATI F'PAJJIŻNA

Nhar il-Ħadd, 27 ta' Settembru 2020, l-aħħar Ħadd ta' Settembru, filwaqt li l-Knisja Kattolika kienet qed tiċċelebra l-liturġija tas-26 Ħadd matul is-sena, kien qed jiġi ċċelebrat ukoll il-**Jum Dinji tal-Migranti u tar-Refuġjati**. Dan l-avveniment mhuwiex ġdid fil-Knisja Kattolika, għalkemm illum qed isir aktar relevanti minħabba ż-żieda ta' migranti u refuġjati li ġejjin, speċjalment mill-pajjiżi tal-Afrika, sabiex ifittxu ħajja aħjar fl-Ewropa jew l-Amerika.

Din is-sena ġie ċċelebrat **il-106 Jum Dinji tal-Migranti u Refuġjati**. Kien il-Papa Benedittu XV li ta bidu għaċ-ċelebrazzjoni ta' Jum il-Migranti, proprju fis-sena 1914, ftit xhur qabel l-Ewwel Gwerra Dinjija. Dan il-Papa kien għamlu fuq livell nazzjonali għall-Italja, bil-għan li jgħin spiritwalment u anke finanzjarjament lil eluf ta' Taljani li kellhom iħallu pajjiżhom u jemigraw lejn pajjiżi oħra jfittxu x-xogħol. Kien fis-sena 1952 meta din iċ-ċelebrazzjoni ġiet estiża fuq livell internazzjonali bħala l-**Jum Dinji tal-Migranti**. Aktar 'il quddiem mal-migranti ġew miżjuda wkoll ir-**refuġjati**. Għalhekk issa qed jiġi ċċelebrat bħala l-**Jum Dinji tal-Migranti u r-Refuġjati**. Dan kien sar mill-Papa San Ġwanni Pawlu II fis-sena 1985. F'din is-sena wkoll il-Papa għamel l-ewwel messaġġ tiegħu għal dan il-jum, li għadu jsir sal-lum. Il-Papa Franġisku fuq talba ta' ħafna isqfijiet biddel il-ġurnata li fiha jiġi ċċelebrat dan il-Jum Dinji tal-Migranti u r-Refuġjati. Qabel kien jiġi ċċelebrat f'Jannar, nhar it-tieni Ħadd wara l-Epifanija. Mis-sena 2018 beda jiġi ċċelebrat nhar l-aħħar Ħadd ta' Settembru.

## IL-KRIŻI DINJIJA TAL-COVID-19

Din is-sena ċ-ċelebrazzjoni tal-Jum Dinji tal-Migranti u r-Refuġjati kellha l-ispeċifiċità tagħha. Kien jum differenti minn snin oħra. Jekk matul is-snin l-imgħoddija din it-traġedja tal-migrazzjoni u r-refuġjati kienet qed isseħħ fil-qafas tal-kunflitti u l-emerġenzi umanitarji li kienu qed isiru aktar gravi minħabba t taqlib fil klima u fl-istess waqt il-gwerer, ħafna drabi maħluqa minn gvernijiet dittatorjali, issa, proprju din is-sena, dan il-fenomenu qed iseħħ fil-kuntest tat-traġedja inviżibbli tal-pandemija tal-COVID-19.

## ĠESÙ REFUĠJAT

Aħna l-Insara meta nitkellmu





dwar il-migranti u r-refuġjati għandu jiġina f'moħħna Ġesù. Għadu tarbija narawh jaħrab bħala refuġjat lejn l-Eġittu flimkien ma' San Ġużepp u Marija. Dan Ġesù għadda minnu għax kien qed jiġi mfittex għall-mewt minn Erodi. Illum ukoll kemm hemm ħutna refuġajti ġejjin minn pajjiżi totalitarji għax huma wkoll ikollhom jaħarbu minn pajjiżhom, għax ikunu qed jiġu mfittxija bil-għan li jintefgħu l-ħabs, jisfaw ittorturati u anke maqtula għar-raġuni li ma jkunux jaqblu mat-tmexxija tal-gvernijiet tagħhom! Għalhekk il-Knisja kontinwament tistedinna sabiex il-migranti u r-refuġjati li jiġu f'pajjiżna naraw fihom lil Kristu. U jekk aħna tassew Kristjani għax qed ngħixu l-fidi tagħna fi Kristu billi nkunu d-dixxipli veri tiegħu u għalhekk nilbsu l-istess sentimenti tiegħu, jeħtieġ li nilqgħu lil dawn ħutna mhux biss għax Kristu għadda mill-istess sfortuna imma wkoll għax huwa kontinwament jistedinna sabiex f'dawn ħutna naraw il-wiċċ ta' Kristu bil-ġuħ, bil-għatx, għeri, marid, barrani u fil-ħabs li qed jisfidana (ara Mt. 25, 31-46).

## MESSAĠĠ TAL-PAPA FRANĠISKU

Bħal kull sena, anke għal din is-sena l-Papa Franġisku tana l-messaġġ tiegħu għall-**106 Jum Dinji tal-Migranti u r-Refuġjati**. F'dan il-messaġġ tiegħu l-Papa jirrepeti għal darb'oħra l-erba' verbi li kien tana fil-messaġġ tas-sena 2018. Bħal donnu jrid jerġa' jfakkarna fihom. Ifakkarna fihom minħabba l-importanza tagħhom jew inkella għax għadna m'aħniex inpoġġuhom fil-prattika. Dawn huma:

- **NILQGĦU** FOSTNA LILL-MIGRANTI U LIR-REFUĠJATI
- **NIPPROTEĠU** LIL KULL WIEĦED U WAĦDA MINNHOM
- **NIPPROMOVU** L-ISTAT U D-DINJITÀ TAGĦHOM
- **NGĦINUHOM JINTEGRAW** FIS-SOĊJETÀ TAGĦNA BĦALA MALTIN

Għall-messaġġ ta' din is-sena 2020 il-Papa Franġisku mar iżid din id-darba sitt verbi oħra. Sitt verbi jfissru sitt għemejjel li kemm bħala bnedmin u aktar u aktar bħala Nsara aħna msejħin li nagħmlu. Dawn huma:

- **nagħrfuhom** bil-għan li nkunu nistgħu aktar **nifhmuhom**;
- **nersqu qrib** tagħhom ħalli nkunu nistgħu **naqduhom bl-imħabba**;
- **nirrikonċiljaw** ruħna magħhom 'il bogħod minn kull preġudizzju ħalli b'hekk inkunu nistgħu aktar **nisimgħu** l-karbiet tagħhom;
- **naqsmu magħhom** dak li għandna ħalli b'hekk **nikbru flimkien**;
- **ninvolvu aktar** lilna nfusna **f'din it-traġedja bil-għan li nippromovu d-dinjità tagħhom bħala ħutna**, ulied l-istess Alla, Missier tagħna lkoll;
- u fl-aħħar nett



**nikkollaboraw bejnietna** kemm bħala Maltin u Għawdxin, u mhux inqas bħala pajjiżi fl-Ewropa, bl-iskop **li nibnu flimkien soċjetà aktar ġusta**.

Nixtarru dan il-messaġġ li l-Papa Franġisku qed iwasslilna quddiem l-isfidi li għandna sabiex nilqgħu lil dawn ħutna migranti u refuġjati. Bħalma qal l-Arċisqof Mons. Charles Scicluna fl-omelija tiegħu nhar il-Jum Dinji tal-Migranti u r-Refuġjati: *"Inkomplu mal-gvern ta' pajjiżna ninsistu mal-Ewropa bil-għan li jkun hemm tqassim ġust ta' dawn ħutna f'pajjiżi oħra minħabba l-limiti tad-daqs ta' pajjżna."* Inkomplu min-naħa tagħna nagħtu xhieda tal-valuri kemm umani u anke Nsara li nippossiedu billi lil dawn ħutna migranti u refuġjati f'pajjiżna nilqgħuhom bl-akbar dinjità u mħabba Nisranija. ■



POEŻIJA

# NOVEMBRU

CHARMAINE TANTI

Xi ftit jiem frank mill-iskola
jkollhom it-tfal u l-għalliem,
u l-gradwati lkoll jifirħu
li l-kors tagħhom ġie fit-tmiem.

U għax jidlam ċappa kmieni
għal xi wħud dwejjaq iġib;
oħrajn ikunu ferħana
għax il-Milied ikun qrib.

U xi borża nħobbu nħejju,
tradizzjoni tal-Maltin,
biex nagħtuha lit-tfal tagħna
fil-festa ta' San Martin.

F'dan ix-xahar aħna niftakru
b'mod speċjali fil-mejtin.
Dawn għal dejjem jibqgħu f'qalbna
u qatt minna minsijin.

Nanniet, zijiet u nies oħra
kif ukoll xi ħbieb tal-qalb,
tul dax-xahar tajjeb niftakru
fihom waqt il-ħin tat-talb.

Ħafna minna jsajru l-ħelu
b'taħlita tfuħ bil-lewż bnin,
m'għandux dehra wisq sabiħa,
propja l-għadam tal-mejtin!

Novembru xahar importanti,
jgħaqqadna mal-mibkijin,
u jfakkarna li xi darba
aħna maġenbhom sejrin. ■



MONS. ANTON SALIBA

# IL-VJAĠĠI TA' MARIJA SANTISSIMA

Deskrizzjoni tal-ktieb: Il-ktieb *Il-Vjaġġi ta' Marija Santissima* jibda b'silta mill-Ġenesi, mill-Apokalissi, mill-Evanġelju ta' San Luqa (pġ. 1-3) u introduzzjoni (pġ. 4-10). Il-vjaġġi huma mqassma f'31 mixja li fihom jiġbru l-ħajja sħiħa tal-Madonna. Kull vjaġġ jagħlaq b'konsiderazzjonijiet u b'riflessjonijiet b'rabta mal-fidwa tal-bniedem.




**L-EWWEL VJAĠĠ** – Marija: jiżżewġu l-ġenituri tagħha
(pġ. 11-16)
Il-vjaġġ jibda mill-formazzjoni tal-karattru ta' Ġwakkin u Anna, il-pedament ta' Marija Ssma, Omm ir-Redentur tal-bnedmin, u jagħlaq kif dawn saru jafu bit-tnissil ta' binthom. Tul il-mixja hu spjegat minn xiex għaddew Ġwakkin u Anna a) qabel u meta ltaqgħu, b) meta żżewġu u l-ħajja miżżewġa tagħhom sa kif saru jafu bit-tnissil ta' binthom fi xjuħithom.

**IT-TIENI VJAĠĠ** – Marija Titwieled
(pġ. 17-22)
Il-vjaġġ jibda mit-tnissil ta' Marija sa dakinhar li rat id-dawl tad-dinja għall-ewwel darba. F'din il-mixja hu spjegat kif it-twelid ta' Marija kien frott ta' ħafna sagrifiċċji u talb minn Ġwakkin u Anna. Wieħed jaqra wkoll x'wegħdu l-ġenituri lil Alla b'ringrazzjament għax sema' talbhom. Anke b'effett ta' din il-wegħda, joħroġ x'kellu jkun il-futur ta' binthom Marija sa minn ċkunitha.

**IT-TIELET VJAĠĠ** – Marija sal-Preżentazzjoni fit-Tempju (pġ. 23-28)
Il-vjaġġ jibda mit-twelid ta' Marija u jispiċċa bil-preżentazzjoni tagħha fit-tempju. Wieħed, f'din il-mixja, jaqra d-determinazzjoni li kellhom Ġwakkin u Anna biex iwettqu dak li wegħdu qabel xi ħadd minnhom imut. Anke hu spjegat kif Marija sal-età ta' tliet snin ġiet ippreparata u murija kulma kien meħtieġ biex tkun aċċettata għad-dedikazzjoni tat-tempju u għall-ħajja kkonsagrata.

**IR-RABA' VJAĠĠ** – Marija Ppreżentata fit-Tempju (pġ. 29-36)
Marija, il-mixja tal-għażla tal-istat bdietha bit-tluq mid-dar tagħha mat-tfajliet bl-imsiebaħ mixgħula u l-ġenituri u spiċċat kif sabet postha fit-tempju. Fil-vjaġġ hu spjegat min kien jiffissa t-tul taż-żmien tal-konsagrazzjoni u fejn kien jgħix min ikun ikkonsagrat għas-servizz ta' Alla. Wieħed jaqra wkoll min eżamina lil Marija, x'libset għall-funzjoni tat-tberik u min kien li aċċettaha fit-tempju.

**IL-ĦAMES VJAĠĠ** – Marija Qabel u fl-Għerusija (pġ. 37-44)
Dan il-vjaġġ Marija bdietu bid-dħul tagħha fit-tempju u spiċċatu fl-età ta' xi erbatax-il sena, meta l-Qassis il-Kbir qalilha tħalli t-tempju u tiżżewweġ. Hu spjegat kif din kienet mixja ta' servizz u ħidma manwali fit-tempju. Tingħata r-raġuni li wasslet lil Marija tħalli t-tempju u x'kienet ir-reazzjoni tagħha, kif ukoll għaliex l-għażla tal-għarus saret fil-preżenza t'Anna.

**IS-SITT VJAĠĠ** – Lil Marija Jħabbrilha l-Arkanġlu (pġ. 45-52)
Marija bdiet il-vjaġġ l-għada tal-għerusija u kliem l-Arkanġlu Gabrijel wasal fi tmiemu. F'din il-mixja wieħed jaqra dwar għaliex Marija, wara l-għerusija, marret toqgħod f'dar ġejja mill-familja ta' Anna b'Ġużeppi nieqes. Anke r-raġuni għax Ġużeppi flok ħa l-għarusa d-dar telaq lejn Libonah. Hu spjegat ukoll kif dan il-fatt għen biex il-Messija jitwieled minn Marija Verġni u fl-istess waqt ġo familja.

**IS-SEBA' VJAĠĠ** – Marija Żżur lil Eliżabetta (pġ. 53-60)
It-tħabbira tal-Arkanġlu ispirat lil Marija għal dan il-vjaġġ u ftit qabel it-twelid tal-Battista ttemmu. Wieħed jista' jara kif iż-żjara tat id-dawl fuq erba' personaġġi fl-istorja tas-salvazzjoni. Insiru nafu wkoll kif il-preżenza ta' Marija u tal-Iben t'Alla f'ġufha kienu għajn ta' grazzja għal Ġwanni bħala prekursur tas-Salvatur u għal Eliżabetta biex għarfet lil Marija bħala Omm il-Mulej. Għaliex dan il-vjaġġ intemm ħesrem?

**IT-TMIEN VJAĠĠ** – Marija fil-Ħsieb Konfuż ta' Ġużeppi (pġ. 61-66)
Dan il-vjaġġ jibda ftit wara r-ritorn ta' Ġużeppi minn Libonah. Il-qawmien mill-ħolma tiegħu wasslu fit-tmiem. Naqraw għaliex l-iżvolġiment tal-mixja jmur lil hinn mill-ħsieb li daħal f'moħħ Ġużeppi. Nikxfu kif is-sehem ta' Ġużeppi kien insostitwibbli biex Ġesù seta' jitwieled ġo familja u fl-istess ħin Marija tista' tissejjaħ 'verġni' qabel, waqt u wara t-twelid ta' Binha.

**ID-DISA' VJAĠĠ** – Marija għall-Kitba taċ-Ċensiment (pġ. 67-72)
L-editt ta' Ċesri għall-ġbir tat-taxxa kkawża dan il-vjaġġ, imħabbar minn Mikea, u d-dħul ta' Marija fl-għar jagħlqu. Tul il-mixja naraw kif mill-arblu tar-razza legali ta' Ġużeppi, skont San Mattew, u mill-arblu tar-razza mid-demm ta' Marija, skont San Luqa, it-tnejn kienu mnissla minn David. Naqraw liema rotta ħadu biex irreġistraw ruħhom f'Betlehem, b'Marija mwassla biex tiled.

**L-GĦAXAR VJAĠĠ** – Marija Tiled lil Ġesù (pġ. 73-80)
Dan il-vjaġġ jibda u jagħlaq f'għar, imma l-effett tiegħu jibqa' għal dejjem. Fih naqraw kif kulma tħabbar mill-profeti fuq il-Messija seħħ fl-għar fejn daħlu Marija u Ġużeppi. Anke niskopru x'għamel Ġużeppi xħin ra lil martu skomda fl-

għar biex ikun ta' għajnuna għal Marija. Din il-mixja, minbarra l-miġja tar-Redentur, turi l-qofol tal-maternità, umana u divina, ta' Marija.

**IL-ĦDAX-IL VJAĠĠ** – Marija Tippreżenta lil Ġesù fit-Tempju (pġ. 81-88)
Marija bdiet u temmet dan il-vjaġġ ordnat mit-Testment il-Qadim flimkien ma' Binha u żewġha Ġużeppi. Wieħed se jiskopri għaliex il-preżentazzjoni saret fit-tempju u mhux, kif normalment kien isir, fis-sinagoga tal-post. Wieħed fil-mixja jaqra r-raġuni, għax imsejħa 'l-Preżentazzjoni ta' Ġesù u l-Purifikazzjoni t'Ommu', magħrufa wkoll bl-ismijiet 'il-Laqgħa tal-Mulej' u 'l-Kandlora'.

**IT-TNAX-IL VJAĠĠ** – Marija Taħrab b'Ġesù lejn l-Eġittu (pġ. 89-96)
Il-wasla tal-għorrief fit-tfittxija għal sultan bdiet il-mixja, u t-tluq tagħhom itemmha. Juri kif il-qima tal-Maġi lit-tfajjel imliet bil-ferħ lill-familja ta' Nazaret. Jiġi spjegat kif bir-rigali għarfu lit-tifel bħala Alla, sultan u bniedem. Naqraw kif l-ambizzjoni u l-krudeltà ta' Erodi bidlu l-ferħ f'ansjetà, u x'ħasset Marija fl-ewwel persekuzzjoni ta' Binha.

**IT-TLETTAX-IL VJAĠĠ** – Marija mill-Eġittu għal Nazaret b'Ġesù (pġ. 97-102)
Il-vjaġġ jibda sentejn wara l-wasla tal-Familja Mqaddsa fl-Eġittu u jintemm bit-tluq lejn Nazaret. Wieħed f'din il-mixja jaqra kif Marija ppreparat lil Binha għall-bidla tal-post u tan-nies fejn marru jgħixu. Naqraw ukoll kif iż-żmien fl-Eġittu għen fl-iżvilupp ta' Kristu bħala bniedem. Tissemma l-età ta' Ġesù meta telqu mill-Eġittu u x'kien is-sehem ta' Ġużeppi fl-Eġittu u fi triqithom lura.

**L-ERBATAX-IL VJAĠĠ** – Marija, Ġesù u Ġużeppi f'Nazaret (pġ. 103-108)
Marija mad-daħla tagħha f'darha f'Nazaret tat bidu għal vjaġġ li jintemm bit-telfa ta' Binha. Insiru nafu għax Marija u Ġużeppi jieħdu r-ruħ lura f'darhom u x'sar biex jissetiljaw hemm. Din il-mixja turi kif trabba Ġesù u kif kien edukat sa meta kellu tnax-il sena. Naraw ukoll il-ġenituri f'liema skola ħadu lil Ġesù għat-tagħlim u din fuq liema sistema ta' tagħlim kienet titmexxa.

**IL-ĦMISTAX-IL VJAĠĠ** – Marija Tfittex lil Ġesù ta' Tnax-il Sena (pġ. 109-114)
Il-vjaġġ jibda b'Marija u Ġużeppi jindunaw bit-telfa ta' Ġesù fil-festa tal-Għid tal-Lhud u s-sejba tiegħu fit-tempju ttemm il-mixja. Naqraw dwar għaliex dawn damu tlett ijiem ifittxu lit-tifel sa ma sabuh f'diskussjoni mar-rabbini fit-tempju. Hu spjegat kif mid-djalogu tal-Omm ma' Binha, jinkixfu l-għanijiet għaliex Ġesù Kristu sar bniedem



b'mandat tal-Missier Etern.

**IS-SITTAX-IL VJAĠĠ** – Marija sal-Mewt ta' Ġużeppi (pġ. 115-122)
Il-vjaġġ jibda bis-sejba ta' Binha fit-tempju u jispiċċa mal-agunija ta' Ġużeppi. Hu spjegat kif Ġesù kien sottomess u leali għall-awtorità u t-tmexxija t'ommu Marija u żewġha Ġużeppi. Naraw ukoll kif dawn irreċiprokaw b'lealtà u b'sottomissjoni sħiħa lejn Kristu. Hu spjegat ukoll kif Ġesù seta' jikber fl-għerf, fit-tul u fil-grazzja favur Alla u l-bnedmin permezz tal-Familja ta' Nazaret.

**IS-SBATAX-IL VJAĠĠ** – Marija Tormol (pġ. 123-130)
Marija l-vjaġġ ta' armla bdietu wara d-dītna ta' żewġha Ġużeppi, u dam sakemm kienet titlob il-liġi tal-vistu Lhudija. Minkejja li l-Iskrittura ma ġġib xejn, jiġi spjegat kif Marija ma naqsitx mir-rispett lejn żewġha. Hu muri s-sehem ta' Marija

u Binha qabel il-mewt, waqt il-mewt u fid-difna ta' Ġużeppi. Anke naqraw jekk Ġużeppi mietx qabel jew wara li Ġesù telaq għall-ħidma pastorali.

**IT-TMINTAX-IL VJAĠĠ** – Marija: Ħajjitha sa wara t-Tluq ta' Binha (pġ. 131-138)
Marija dan il-vjaġġ bdietu kif spiċċat il-vistu għal żewġha u t-tluq tagħha għat-tieġ ta' Kana jagħlqu. Minkejja li ħadd ma kiteb jew tkellem fuq l-istat ta' Marija bħala armla, f'din il-mixja wieħed ħa jaqra fiex dan kien jikkonsisti. Jiġi spjegat għaliex ir-rabta taż-żwieġ ta' Marija spiċċat mal-mewt ta' żewġha u kif hija kompliet b'ħajjitha mit-tluq ta' Ġesù sal-laqgħa tagħha miegħu f'Kana.

**ID-DSATAX-IL VJAĠĠ** – Marija fit-Tieġ ta' Kana (pġ. 139-146)
Marija bdiet dan il-vjaġġ għat-tieġ ta' Kana, komplietu għal Kafarnahum u spiċċatu f'Nazaret. Din il-mixja ma saritx biss bis-sehem tagħha fit-tieġ, imma lil hinn minnu. Naqraw ukoll kif San Ġwann welled poplu ġdid ta' Alla mill-koppja Ġesù u Marija u kif il-ġeneru uman, b'dan it-tieni ħolqien tiegħu mill-ġdid, jista' jitkattar u jikber fis-salvazzjoni u fil-qdusija.

**L-GĦOXRIN VJAĠĠ** – Marija, l-Ewwel Appostlu ta' Ġesù (pġ. 147-154)
Marija, bil-konċepiment ta' Ġesù, bdiet il-mixja tagħha t'appostlu u għexitha tul ħajjet Binha, imma l-appostolat tagħha jibqa' għaddej sa tmiem id-dinja. Mixja li turi t-tlugħ, l-inżul, il-ferħ u n-niket ta' Marija. Hu muri kif ix-xogħol li ta Gabrijel lil Marija ssupera x-xogħol ta' kull appostlu ieħor. Naqraw kif Marija għexet ferm eqreb Kristu mill-appostli magħżula minnu.

**IL-WIEĦED U GĦOXRIN VJAĠĠ** – Marija Ssegwi lil Binha (pġ. 155-162)
Marija dan il-vjaġġ bdietu mal-wasla f'widnejha tal-kundanna ta' Binha għat-tislib u l-bidu tal-kruċifissjoni jtemmu. Marija ma baqgħetx f'darha bi kwietha xħin semgħet kif imxew Qajfa, il-qassisin, il-poplu, Erodi u Pilatu ma' Binha. Hu spjegat kif il-laqgħa ta' Marija ma' Kristu kienet l-akbar tbatija għall-qalb tal-Addolorata, kif ukoll jekk din il-laqgħa ma' Kristu seħħitx jew le.

**IT-TNEJN U GĦOXRIN VJAĠĠ** – Marija Ħdejn Binha Msallab (pġ. 163-168)
Marija mal-wasla tagħha fuq il-Golgota bdiet dan il-vjaġġ fis-skiet ta' qalbha u temmitu bl-agunija ta' Binha. F'din il-mixja hu spjegat kemm omm Kristu,




wieqfa ħdejn is-salib, kienet determinata li ssegwi kollox b'għajnejha, b'moħħha u b'qalbha. Naqraw kif mill-maħfra ta' Ġesù u mid-djalogu tiegħu mal-ħallelin joħroġ x'kien l-għan tat-tbatijiet sew tal-Iben u sew ta' Ommu.

**IT-TLIETA U GĦOXRIN VJAĠĠ** – Marija Qrib Binha fl-Agunija Tiegħu
(pġ.169-176)
Id-dalma li waqgħet minn nofsinhar sat-tlieta bdiet din il-mixja ta' Marija u tmiemha kien id-daqqa tal-lanza. Hu spjegat kif din id-daqqa nifdet qalb Marija ma' ta' Binha u r-raġuni għaliex Kristu, qabel mewtu, il-maternità ta' Marija wessagħha għal fuq l-appostli/il-Knisja. Naraw ukoll kif Marija fl-agunija ta' Binha għamlet mixja ta' talb fis-skiet ta' qalbha addolorata.

**L-ERBGĦA U GĦOXRIN VJAĠĠ** – Marija Ħdejn Binha f'Mewtu
(pġ. 177-182)
L-għajta ta' Ġesù "Għandi l-għatx" tat bidu għal dan il-vjaġġ u d-daqqa tal-lanza waqqfitu. Wieħed jaqra x'talb qalet Marija waqt il-mewt tal-uniku Iben tagħha. Naqraw għaliex Kristu qabel mewtu lissen "Għandi l-għatx" u r-raġuni għaliex mal-mewt ta' Kristu twettqet dik id-dimostrazzjoni, min-naħa tan-natura, bħala l-aqwa eloġju biex jikkonsla lil Omm il-mejjet.

**IL-ĦAMSA U GĦOXRIN VJAĠĠ** – Marija fil-Funeral ta' Binha
(pġ. 183-188)
Marija Addolorata dan il-vjaġġ għamlitu minn taħt is-salib fuq il-Kalvarju sa ħdejn il-qabar. F'din il-mixja naqraw kif tniżżel il-ġisem mejjet ta' Ġesù minn fuq is-salib u b'liema rit, qima u rispett inġarr il-mejjet għall-qabar għad-dfin. Naqraw ukoll għaliex indifen bl-għaġla, kontra kif jitlob ir-rit, jekk il-katavru ta' Kristu kienx akkumpanjat sal-qabar u jekk iva, minn min.

**IS-SITTA U GĦOXRIN VJAĠĠ** – F'Ħoġor Marija Qabel id-Difna
(pġ. 189-196)
Marija dan il-vjaġġ bdietu mal-wasla ta' Binha mejjet fil-qabar u għalqitu bit-tqegħid tal-ġebla quddiem il-qabar. F'din il-mixja nikkontemplaw dwar x'ħabat ma' moħħ u qalb Marija bil-ġisem mejjet ta' Binha Ġesù sa ma tpoġġa ġol-art. Il-vjaġġ jagħlaq b'deskrizzjoni ta' kif Marija, li assistiet għas-sagrifiċċju ta' Binha l-Ħaruf t'Alla, għaddiet il-ħin sa nofsillejl tal-Ġimgħa.

**IS-SEBGĦA U GĦOXRIN VJAĠĠ** – Marija Addolorata Tiled il-Ħaruf tal-Għid
(pġ. 197-204)
Marija, sbieħ is-Sibt mid-difna ta' Binha, bdiet dan il-vjaġġ u tard billejl tal-istess jum, l-Għid tal-Lhud, għalqitu. F'din il-mixja hu spjegat kemm kien diffiċli għal Marija, bid-duluri li kellha, biex tagħlaq għajn m'għajn. Anke naqraw li kif Marija bl-uġigħ tal-ħlas wildet lill-Messija, hekk ukoll bl-uġigħ tal-arrest, tal-passjoni u tad-difna ta' Binha wildet lil Kristu Rxoxt għad-dinja.

**IT-TMIENJA U GĦOXRIN VJAĠĠ** – Lil Marija Jżurha Kristu Rxoxt
(pġ. 205-212)
Dan il-vjaġġ juri kif minkejja li hu l-iqsar mixja, kien biżżejjed biex fawwar qalb Marija bil-ferħ u patta għas-sofferenza u t-tbatija li kienet ġarrbet. Anke jekk iż-żjara tal-Iben Irxuxtat lil Ommu mhi f'ebda evanġelju, fir-rakkonti skont Mark u Ġwanni jinsabu traċċi li jindikaw dan. L-iskulari u s-Santi Padri sal-Papa Ġwanni Pawlu II jżommu li Kristu Rxoxt deher l-ewwel 'l Ommu.

**ID-DISGĦA U GĦOXRIN VJAĠĠ** – Marija fl-Inżul tal-Ispirtu s-Santu
(pġ. 213-218)
Din il-mixja Marija bdietha mal-appostli kif irritornaw fiċ-ċenaklu mit-tlugħ fis-sema ta' Kristu u sa nżul l-Ispirtu s-Santu. Tul il-vjaġġ jingħata x'kien is-sehem ta' Marija fil-qsim tal-esperjenzi ta' stennija mal-appostli sal-wasla tal-mibgħut minn Binha. Naqraw x'effett kellhom il-kuraġġ, is-serħan il-moħħ u l-għajnuna li Marija tat lill-appostli għall-

appostolat tagħhom.

**IT-TLETIN VJAĠĠ** – Marija Tmut
(pġ. 219-226)
Marija bdiet din il-mixja xħin qorob iż-żmien li tmut, u b'mewtha kkonkludietu. Fil-vjaġġ wieħed jaqra fiex kienet tikkonsisti ħidmet Marija mal-appostli, li tferrxu f'postijiet differenti, sa ma tpoġġiet fil-qabar. Din il-mixja turina fejn għexet Marija fl-aħħar snin ta' ħajjitha. Sintendi l-vjaġġ jagħlaq b'deskrizzjoni ta' x'ġara f'mewtha u min kienu dawk li assistewha.

**IL-WIEĦED U TLETIN VJAĠĠ** – Marija Ssegwi lil Binha
(pġ. 227-234)
Dan il-vjaġġ Marija bdietu b'mewtha u spiċċatu kif il-qabar tagħha nstab vojt mar-ritorn ta' Tumas. Hu muri kif minkejja li l-Assunzjoni la hi fit-Testment il-Ġdid u lanqas fl-istorja, minn evidenza fil-Ktieb tal-Apokalissi naqraw fejn tinsab Marija. Hu spjegat anke kif ġisem Marija, magħmul mix-xejn u li jmut, bit-tlugħ tagħha fis-sema nbidel f'wieħed glorjuż u santifikanti.

**MARIJA GĦADHA TIVVJAĠĠA** – Id-Dehriet ta' Marija fid-Dinja
(pġ. 235-251)
Fil-konklużjoni tal-ktieb wieħed jaqra kif Marija, Omm ir-Redentur, minn wara t-tlugħ tagħha fis-sema sal-pubblikazzjoni ta' dal-ktieb, dehret sebgħa u tletin darba. Dawn id-dehriet b'messaġġ lil diversi nies f'perjodi differenti huma mniżżla skont is-sena meta twettqu. Insibu wkoll ir-raġuni għaliex is-sejħa tal-Madonna Ta' Pinu, minkejja li mhix dehra, qed tittaħ din il-lista.

Is-sejħa mill-kwadru tal-Madonna Ta' Pinu (pġ. 236); 1 – Il-Madonna tal-Pilastru, Zaragoza (pġ. 236); 2 – Dehret lil San Duminku (pġ. 237); 3 – Id-Dar tal-Madonna ta' Loreto (pġ. 237); 4 – Il-Madonna ta' Liesse, Franza (pġ. 238); 5 – Il-Madonna tal-Parir it-Tajjeb (pġ. 238); 6 – Il-Madonna s-Sewda (pġ. 238); 7 – Il-Madonna ta' Siauliai (pġ. 239); 8 – Il-Madonna tal-Grazzja (pġ. 239); 9 – Il-Madonna ta' Guadaloupe (pġ. 239); 10 – Il-Madonna ta' Ocotlan (pġ. 240); 11 – Il-Madonna tal-Bosk (pġ. 240); 12 – Il-Madonna tal-Blat (pġ. 240); 13 – Il-Madonna ta' Laus (pġ. 240); 14 – Il-Madonna Bidu taż-Żerniq/ Omm tal-Ħniena (pġ. 241); 15 – Il-Madonna tal-Paċi (pġ. 241), 16 – Il-Madonna tas-Sokkors (pġ. 242); 17 – Omm ir-Redentur (pġ. 242); 18 – Dehret lil San Ġwann Marija Vianney (pġ. 243); 19 – Dehret lil Santa Eliżabetta Canori Mora (pġ. 243); 20 – Il-Madonna tal-Midalja Mirakoluża (pġ. 243); 21 – Il-Madonna ta' La Salette (pġ. 244); 22 – Il-Madonna



ta' Lourdes (pġ. 244); 23 – Il-Madonna tal-Kappella Knock (pġ. 244); 24 – Il-Madonna ta' Pontmain/ Il-Madonna tat-Tama (pġ. 245); 25 – Il-Madonna ta' Pellevoisin (pġ. 245); 26 – Marija Reġina tar-Ružarju (pġ. 245); 27 – L-Omm Qaddisa ta' Gietrzwald (pġ. 246); 28 – Il-Madonna ta' Fatima (pġ. 246); 29 – Il-Madonna ta' Beauraing/Il-Verġni tal-Qalb tad-Deheb (pġ. 246); 30 – Il-Madonna ta' Banneux/Il-Madonna tal-Fqar (pġ. 247); 31 – Il-Madonna tad-Dmugħ (pġ. 247); 32 – Il-Madonna tal-Karmnu ta' Garabandal (pġ. 248); 33 – Il-Madonna ta' Akita (pġ. 248); 34 – Il-Madonna ta' Medjugorje (pġ. 248); 35 – Il-Madonna tar-Ruzarju ta' San Nikola (pġ. 249); 36 – Id-Dehriet fil-Knisja ta' Santa Demiana/L-Omm tad-Dawl Veru (pġ. 249); 37 – Dehret lil Nancy Fowler (pġ. 249); 38 – Dehriet f'Tensta (pġ. 250) ■



JASON ZAMMIT

# KONT IL-ĦABS U ĠEJTU MAĠENBI

Waħda mill-esperjenzi sbieħ li jista' jagħmel il-bniedem hija l-volontarjat. Il-volontarjat huwa esperjenza li twasslek biex tingħata għal ħaddieħor b'mod komplet filwaqt li jrawwem fik valuri sbieħ ħafna. Dawn l-istess valuri jgħinuk biex tikber u tesperjenza ċirkustanzi li mhux kulħadd ikun għadda minnhom fil-ħajja. Ċirkustanzi li ħafna drabi jkunu diffiċli imma li kapaċi jgħinuk tiftaħ għajnejk għal ċerti sitwazzjonijiet fil-ħajja tal-oħrajn.



Il-grupp taż-żgħażagħ fi ħdan il-komunità Kapuċċina tal-Kalkara, F.Act, huwa mibni fuq erba' valuri prinċipali: it-talb, il-ħidma ma' min hu fil-bżonn (il-volontarjat), il-fraternità u l-formazzjoni. Dawn huma erba' valuri li jaqblu ħafna mal-kariżma Franġiskana. Il-grupp għalhekk min-natura tiegħu jisħaq fuq l-importanza tal-volontarjat, u għalhekk inwettqu ħidmiet varji biex inkunu ta' ġid għal ħaddieħor. Waħda mill-attivitajiet li nagħmlu hija l-animazzjoni tal-quddiesa kull tielet u ħames Ħadd tax-xahar ġewwa l-Faċilità Korrettiva ta' Kordin. Esperjenza li ta' kull darba tagħtina opportunitajiet ġodda biex ninfetħu għal ħaddieħor. Kien fl-2015 meta waqt irtir tal-Avvent kien hemm suġġeriment li l-grupp jibda ħidma ma' organizzazzjoni partikolari biex anke aħna nagħtu l-għajnuna tagħna fis-soċjetà. Xahar wara, Fr Ivan Scicluna, dak iż-żmien koordinatur tal-grupp, kien organizza attività li fiha bħala żgħażagħ iltqajna flimkien quddiem Kordin u hemmhekk għall-ewwel darba dħalna ġewwa l-ħabs biex nanimaw quddiesa flimkien mar-residenti t'hemmhekk. Kienet esperjenza li ħalliet fina ħafna ferħ u anke mistoqsijiet kbar dwar għaliex il-bniedem jasal biex jagħmel il-ħażin. Esperjenza li ma tistax tfissirha bil-kliem.

L-esperjenza tagħna kompliet billi kull xahar, wara li jinġabru n-nies li huma interessati li jattendu u nġibu l-permessi meħtieġa, nidħlu ġewwa l-Faċilità Korrettiva. Hemmhekk fi grupp żgħir ta' 6 persuni nanimaw quddiesa ġo kappella fil-post stess. Il-quddiesa tiġi animata b'kor u anke bi strumenti mużikali. Wara l-quddiesa ngħaddu ftit mumenti nitkellmu mar-residenti t'hemmhekk. Titkellem mar-residenti hija opportunità li personalment ninsab tassew grat għaliha. Mhux biss għax titgħallem tisma', imma għax tiġi wiċċ imb wiċċ ma'

realtajiet differenti minn tiegħek. Inħoss li l-bniedem faċli jitla' fuq pedestall u jiġġudika lil ħaddieħor minn hemm fuq. Meta tmiss realtajiet differenti, hemmhekk tiskopri kemm hawn sitwazzjonijiet differenti fil-ħajja. M'iniex ngħid hekk b'xi ġustifikazzjoni jew b'referenza għal xi priġunier partikolari, imma faċli nispiċċa nħares lejn ħaddieħor b'mod differenti. Meta tirreferi għal ħaddieħor bħala xi ħadd differenti minnek, ikun faċli li tnaqqas it-tolleranza u l-imħabba.



Forsi dik kienet ukoll li mmotivatni biex jiena llum nattendi b'mod regolari l-ħabs. Għall-bidu kienet diffiċli ħafna li nħares lejn resident fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin bħala persuna bħali. Illum il-ġurnata nifhem dak li qal il-Papa Franġisku meta tkellem mal-priġunieri ġewwa Philadelphia, meta ftakar fil-ħasil tar-riġlejn tal-appostli. Il-Papa qal li fil-ħajja l-bniedem jispiċċa 'jħammeġ saqajh' minħabba esperjenzi differenti fil-ħajja tiegħu. Kulħadd għandu bżonn li jkun maħsul. Ġesù huwa dak li jfittixna biex anke lilna jaħslilna saqajna biex nerġgħu lura mal-mejda ndaf. Il-mejda li Ġesù ma jeskludi 'l ħadd minnha u li hija mifruxa għal kulħadd għax kulħadd huwa mistieden għaliha.



Ta' kull darba li nattendu nħossu tassew il-kliem ta' Ġesù meta qal lid-dixxipli tiegħu: "Kont il-ħabs u ġejtu żżuruni" (Mattew 25:36). Fuq kollox, li nkunu viċin dawk li huma anqas fis-soċjetà kien valur importanti u ħafna għal qalb San Franġisk. Dan il-grupp sa mill-bidu tiegħu kellu bħala ispirazzjoni lil dan il-qaddis. Permezz ta' dawn iż-żjarat fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin inkunu tassew qed inġibu fil-prattika dak li xtaq Franġisku ta' Assisi.

Fuq kollox, li tmur fil-Faċilità u tiltaqa' mar-residenti hemmhekk ma tistax tkun esperjenza li ma tħallix impatt fuqek. Bla dubju tgħinek tbiddel il-mod kif tħares lejn ħaddieħor fis-soċjetà u tgħinek ukoll taqbeż għad-drittijiet ta' dawk fostna li għandhom anqas vuċi. Esperjenza bħal din bla ma trid iġġagħlek tgħaqqad dan kollu fit-talb u titlob lill-Mulej biex jieħu ħsieb lil dawn ħutna wkoll. Fuq kollox hija esperjenza li ġġib aktar fil-prattika dak li qal Ġesù: "Tassew ngħidilkom, kulma għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi" (Mattew 25:40). Għalhekk hija esperjenza li tgħinna biex f'kull persuna naraw tassew lil Ġesù ħaj!

*Min jixtieq jibda jattendi l-grupp F.Act jista' jsegwi l-paġna tagħna fuq Facebook: F.Act.* ■



FR PHILIP CUTAJAR OFMCap

# PADRE RANIERO CANTALAMESSA 40 SENA PREDIKATUR TAL-PAPA

Kien nhar it-23 ta' Ġunju ta' 40 sena ilu li l-qaddis Papa Ġwanni Pawlu II għażel lil Padre Raniero Cantalamessa bħala predikatur tal-Kurja Rumana fil-Vatikan. Dan għalih kien tassew sorpriża. Dan huwa uffiċċju li bi tradizzjoni l-Kapuċċini ilhom iżommuh sa mis-sena 1743. Għall-patri Kapuċċin mill-provinċja ta' Le Marche fl-Italja dan huwa anniversarju ferm importanti. Sa mis-sena 1980 qatt ma waqaf jagħti s-servizz tiegħu lill-Papa, il-kardinali u ħafna oħrajn li jattendu għall-prietki jew aħjar għall-meditazzjonijiet li huwa jwassal fil-mumenti liturġiċi qawwija ta' matul is-sena, speċjalment matul l-Avvent u r-Randan imqaddes.



Matul dawn l-40 sena ta' ministeru tal-Kelma kienu tlieta l-papiet li ġew mitmugħa mill-messaġġ imwassal minn Padre Cantalamessa: il-qaddis Papa Ġwanni Pawlu II, il-Papa Emeritu Benedittu XIV u issa l-Papa Franġisku. Niftakarni nisma' lil Padre Raniero jgħidilna: "Itolbu għalija bil-għan li ma naħlix il-ħin prezzjuż tal-Papa, billi meta mmur inwassallu l-messaġġ dan ikun ħiereġ tassew mill-qawwa tal-Ispirtu s-Santu."

### ŻMIEN REKORD

Għal Padre Raniero Cantalamessa li jgħaddi 40 sena bħala predikatur appostoliku fil-Kurja Rumana huwa rekord. Ħadd sa issa ma dam daqshekk f'dan l-uffiċċju. L-aktar wieħed li dam kien Padre Llarino minn Milan, li kien dam bħala predikatur tal-Papa għal 20 sena, fi żmien il-papiet Roncalli, Montini, Luciani u Wojtyla. Bl-istil sempliċi u umli li jippossiedi Padre Raniero, meta kien qed jitkellem dwar dawn is-snin kollha fdat b'dan il-ministeru hekk delikat, huwa fisser kif hemm raġuni għal dan, u din mhix xi ċajta. Huwa qal li r-raġuni għaliex il-papiet, li huma tant għorrief, żammewh daqshekk fit-tul bħala predikatur appostoliku hi li raw illi huwa f'din il-kariga li hu l-inqas li jista' jagħmel ħsara lill-Knisja.

### PROFESSUR FL-UNIVERSITÀ KATTOLIKA TA' MILAN

Ma' din il-ħidma Padre Raniero, flimkien ma' Giuseppe Lazzari, kien wieħed mill-fundaturi tad-Dipartiment tax-Xjenzi Reliġjużi fl-Università





Kattolika ta' Milan. Ma' dan huwa wkoll wiret il-patrimonju li ħalla warajh il-famuż Kapuċċin Padre Mariano minn Turin, li speċjalment mat-Taljani kien magħruf bħala "l-Kapuċċin tat-televiżjoni", għall-fatt li anke issa Kapuċċin ieħor, Padre Raniero, żamm bla waqfien 15-il sena sħaħ bħala l-mistieden speċjali ta' kull ġimgħa fil-programm *A sua imagine*.

## ĦASSU SORPRIŻ U EĊITAT

Meta jirrakkonta l-bidu tal-ministeru tiegħu bħala predikatur tal-Papa, Padre Raniero jgħid li meta kien issejjaħ f'Ġunju tas-sena 1980 propjament ma kienx il-bidu. Diġà, qabel dak ix-xahar, jiġifieri fi Frar, kien intalab jagħmel il-prietki tar-Randan imqaddes lill-Kurja Rumana. Huwa jħares lejn dan daqslikieku l-Papa Ġwanni Pawlu II ried jagħmillu prova. Jidher li mill-prova kien għadda, għaliex f'Ġunju tal-istess sena huwa rċieva telefonata mingħand il-Ministru Ġenerali tal-Kapuċċini, li dakinhar kien Pascual Rywalski, li qallu: "Il-Papa Ġwanni Pawlu qed isejjaħlek sabiex tkun il-predikatur appostoliku. Għandek xi motiv serju li tgħid le?" Huwa pprova jsib xi motiv serju imma ma kien hemm xejn minn dan, ħlief li ħassu sorpriż u eċitat.

## IL-PAPIET LI ĦADEM MAGĦHOM

Padre Raniero, wara 40 sena dieħel u ħiereġ fil-Vatikan kemm bħala l-predikatur tal-Papa kif ukoll bħala membru fil-Kummissjoni Teoloġika li kontinwament tagħti pariri lill-Papa filwaqt li tipprepara ħafna mid-diskorsi tiegħu, issa, wara dawn is-snin kollha, sar jaf tajjeb ferm lit-tliet papiet li ħadem magħhom u għalihom.

- Għall-Papa Ġwanni Pawlu II huwa jgħid li dan il-Papa qaddis kien il-bniedem li rnexxielu jgħix ħajja kontinwament fil-preżenza ta' Alla imma wkoll fil-preżenza tal-bniedem. It-tifkira ta' dan il-Papa kbir li baqgħet stampata fil-qalb ta' Padre Raniero kienet dik li seħħet propju xahrejn qabel il-mewt tiegħu, meta kien qed jipprietka r-Randan u l-Papa segwieh mis-sodda tal-isptar, fejn ġimagħtejn wara miet.

- Meta tkellem dwar il-Papa Benedittu XVI, Padre Raniero stqarr li lil dan kien ilu jafu

minn mindu bħala l-Kardinal Ratzinger kien President tal-Kummissjoni Teoloġika Internazzjonali (CTI), li tagħha huwa kien wieħed minn 30 membru bejn is-snin 1975 u 1981. Huwa dejjem kien jammirah għall-kapaċitajiet li kien jippossiedi, speċjalment meta fid-dibattiti kien iżomm bilanċ moderat u matur mogħni bi profondità kbira ta' spiritwalità. Ir-rinunzja tiegħu għat-tmexxija tal-Knisja bħala papa żgur li ħalliet u qed tħalli effetti ferm pożittivi fuq l-istorja tal-Knisja.

• Meta tkellem dwar il-Papa Franġisku, Padre Raniero stqarr li kien ilu jafu minn ħafna snin qabel. Kien jafu kemm bħala Arċisqof fi Buenos Aires u mhux inqas bħala kardinal. Bħala arċisqof iltaqa' diversi drabi miegħu fl-Arġentina, speċjalment fil-laqgħat tal-Gruppi tat-Tiġdid Kariżmatiku. Meta Padre Raniero kien fil-Kurja tal-Kapuċċini f'Ruma quddiem it-televiżjoni u ra lill-Papa Franġisku meta ħareġ għall-ewwel darba fil-gallerija tal-Vatikan sabiex isellem lill-folla enormi miġbura fi Pjazza San Pietru, u rah isellem lin-nies bit-tislima ta' "Buona sera" u fuq kollox meta talab lin-nies jitolbu għalih, Padre Raniero dar fuq ħutu l-patrijiet miġbura miegħu quddiem it-televiżjoni u qalilhom: "Iva... dan hu l-Kardinal Bergoglio... Huwa hu... mhux qed jirreċta... Hekk imdorri jagħmel."

## ATTIV FIL-QASAM EKUMENIKU

Padre Raniero Cantalamessa, matul dawn l-40 sena bħala predikatur appostoliku, ħadem ħafna fil-qasam tal-ekumeniżmu. Diversi drabi ġie mistieden sabiex jipprietka fil-knejjes tal-Aħwa Nsara mifrudin, kemm Luterani kif ukoll Pentekostali. Saħansitra huwa kien ġie mistieden mill-Knisja Anglikana sabiex jagħti omelija fil-ftuħ tas-sinodu tagħhom, li kien sar fis-sena 2015 f'Westminister u li għalih kienet preżenti wkoll ir-Reġina Eliżabetta II. Fil-fatt ir-Reġina stqarret u qalet: "Il-fatt li saċerdot Kattoliku ġie mistieden sabiex jiġi jipprietka f'Westminister, ikolli ngħid li qed isseħħ bidla pożittiva fenomenali fost il-Knejjes Insara!"

## IL-MOVIMENT TAT-TIĠDID KARIŻMATIKU KATTOLIKU

Padre Raniero Cantalamessa, meta jħares lura, jistqarr li l-esperjenza tiegħu mal-Moviment tat-Tiġdid Kariżmatiku ħalliet marka profonda fil-mixja tiegħu kemm bħala saċerdot kif ukoll bħala Franġiskan li qiegħed għas-servizz tal-Knisja. Huwa jiftakar meta fis-sena 1977 fl-Amerika kien irċieva dik li f'terminoloġija biblika l-Moviment Kariżmatiku jsejħilha "l-magħmudija fl-ispirtu" (Atti 1, 5). Il-Patri Kapuċċin jistqarr li din, wara l-magħmudija bħala sagrament, il-professjoni reliġjuża u s-saċerdozju, kienet grazzja kbira għalih. Kienet grazzja li bil-qawwa tagħha ġġedded u ta ħajja ġdida lill-grazzji li kien diġà rċieva qabel. Huwa jgħid li anke l-Papa Franġisku, li għadda mill-istess esperjenza, jaqsam dan l-istess ħsieb miegħu. "Il-veru tiġdid fil-ħajja Nisranija u fil-ħajja tal-Knisja qatt ma jista' jseħħ mingħajr il-qawwa tal-Ispirtu s-Santu," jistqarr il-predikatur appostoliku.







okkażjonijiet. Huwa kien ġie mistieden l-ewwel darba mit-Tiġdid Karizmatiku Kattoliku Malti fis-sena 1981. Minbarra laqgħat mal-membri tat-Tiġdid Karizmatiku huwa kellu wkoll l-okkażjoni li jiltaqa' mal-provinċjali tar-reliġjużi kemm irġiel kif ukoll nisa, u mhux inqas laqgħa ġenerali mar-reliġjużi kollha. It-tieni stedina kienet saritlu mit-Tiġdid Karizmatiku wkoll fis-sena 1996. L-aħħar żjara li kien għamel Malta kienet dik tas-sena 2014 fuq stedina ta' Ħuna Fr Hayden Williams OFMCap. Dakinhar kien ġie u ta rtir ta' ġimgħa lir-reliġjużi rġiel u nisa fis-Seminarju f'Tal-Virtù, ir-Rabat (23-30 Mejju 2014). Matul il-jiem li kien għamel Malta kellu wkoll laqgħa mas-saċerdoti djoċesani, laqgħa mal-lajċi impenjati kif ukoll laqgħa oħra f'Għawdex.

## ĦARSA LEJN IL-FUTUR TAL-KNISJA

Meta Padre Raniero ġie mistoqsi dwar xi jħoss bħala "patri anzjan" dwar is-sitwazzjoni tal-Knisja fil-mument preżenti u x'ħolm għandu għall-ġenerazzjonijiet futuri, huwa wieġeb hekk:

"Nistqarr li nħoss għafsa ta' qalb u dulur kbir meta nara l-bidla li qed isseħħ, fejn minħabba s-soċjetà tekonoloġika li qed ngħixu fiha donnu l-bniedem qed mhux biss jinsa lil Alla imma wkoll iwarrbu u jipprova jgħix daqslikieku Alla ma jeżistix. Imma din is-sitwazzjoni li tnissel diqa f'qalbi fl-istess waqt toħloq tbissima, iġġegħelni nidħak. Hemm il-fidi tagħna fi profezija li seħħet u ma tiqafx tkompli sseħħ: 'Is-sema u l-art jgħaddu, imma kliemi ma jgħaddix.' (Mt. 24, 35). Lill-ġenerazzjonijiet ġodda ta' Kristjani nixtieq b'vuċi għolja flimkien mal-appostlu ngħidilhom: 'Ġesù Kristu hu dak li kien, fl-imgħoddi, issa u għal dejjem.' (Lhud 13, 8)"

## PADRE RANIERO F'MALTA

Bħala Knisja f'Malta nistgħu ngħidu li konna ferm ixxurtjati peress li gawdejna l-preżenza tal-predikatur appostoliku tliet darbiet. Huwa żar Malta u anke Għawdex fi tliet

Minn qiegħ qalbna nawguraw lil dan Ħuna Patri Raniero Cantalamessa għall-40 sena ta' ħidma bla waqfien bħala predikatur appostoliku. Nawgurawlu għomor twil mal-85 sena li diġà għandu. Ngħaqqdu l-awguri tagħna mat-talb li nwegħduh kuljum bil-għan li ma jiqafx imma jkompli bid-diversi ħidmiet tiegħu mifruxa f'diversi oqsma, speċjalment dik li jkompli jikber fil-qdusija, aktar u aktar issa li qed jgħaddi ħafna mill-ħin tiegħu f'ħajja ta' kontemplazzjoni ma' komunità ta' sorijiet tal-klawsura fl-eremitaġġ tal-Ħniena Divina ġewwa Rieti. ■

JOE FLASK



# MONS. JOSEPH LEO WHITE
## "... A LIFELONG SERVICE FOR THE BENEFIT OF OTHERS"
(IT-TIENI PARTI)

### PREFETTURA APPOSTOLIKA U DJOĊESI

Sa mill-ewwel jum li l-patrijiet Kapuċċini Maltin bdew ħidmithom fil-missjoni l-ġdida, l-awtoritajiet ekkleżjastiċi Kenjani, in-nunzju u oħrajn bdew jagħmlu pressjoni biex minnufih il-missjoni f'Garissa ssir prefettura appostolika. Il-provinċja Kapuċċina Maltija kellha fehma differenti dwar din l-urġenza, l-aktar dwar il-vijabbiltà territorjali, u l-qagħda spiss imwiegħra tal-missjunarji. Iżda s-sejħa tal-Knisja Kenjana dlonk saret magħrufa fil-Vatikan, li kontinwament kien jirċievi rapporti pożittivi fuq ħidmet il-missjunarji Maltin, li bi spirtu Franġiskan wessgħu l-impenji tagħhom fl-oqsma soċjali, edukattivi u mediċi u għajnuniet oħra ta' assistenza. Kien fid-dawl ta' dawn il-ħidmiet, forsi, u proġetti ta' żvilupp, kollox imsejjes fuq l-imħabba Nisranija, li l-Papa San Pawlu VI, bi qbil mal-provinċja Maltija, fid-9 ta' Diċembru 1976 iddikjara l-missjoni ta' Garissa prefettura appostolika, li kienet tinkludi partijiet li ttieħdu mid-djoċesi ta' Meru u minn dik ta' Mombasa.



Fl-istess digriet, maħruġ mill-Kongregazzjoni Pontifiċja għall-Evanġelizzazzjoni tal-Ġnus, il-Propaganda Fide, il-Papa ħatar lid-Delegat Provinċjali Mons. Leo White OFMCap bħala l-ewwel prefett appostoliku. Il-Vatikan xandar uffiċjalment din il-ħatra fid-19 tal-istess xahar. Id-dokumenti taż-żewġ ħatriet ixxandru pubblikament is-sena ta' wara waqt żjara qasira f'Malta minn Mons. Leo White, li mexxa wkoll ċelebrazzjoni ewkaristika solenni fil-knisja tal-Kapuċċini, il-Furjana.

### X'INHU R-RWOL TA' 'PREFETT APPOSTOLIKU'?

Ġeneralment il-prefett appostoliku ma jkunx isqof, imma saċerdot b'fakultajiet speċjali u ġuriżdizzjoni fuq art tal-missjoni u/jew territorji fejn għad m'hemmx sede veskovili (djoċesi). Jiddependi direttament mis-Santa Sede filwaqt li jgawdi drittijiet li jixbhu ħafna lil dawk ta' isqof djoċesan, fosthom affarijiet ta' amministrazzjoni ordinarja: bħall-irwol tal-missjunarji u l-aħjar tmexxija għall-missjoni tiegħu. Għandu wkoll fakultajiet straordinarji dwar każijiet riservati għas-Santa Sede. Prefett appostoliku jilbes ukoll kollox bħall-isqof, jista' jingħata s-setgħa li jamministra l-griżma tal-isqof iżda mhux li jordna saċerdoti. L-ewwel darba li kien intuża t-titlu ta' prefett appostoliku kien fl-1888.

Għal Mons. Leo l-ħatra l-ġdida ssarrfet f'iktar xogħol. Xorta baqa' jiddedika ħinu u saħħtu għax-xogħol missjunarju, organizza u beda jagħti sura aħjar lill-missjoni ta' Garissa, u kiseb iktar għajnuna minn barra biex jitwettqu proġetti ġodda. Ma nesiex lil ħutu l-patrijiet, u stinka ħalli jitjiebu l-kundizzjonijiet u jsolvi sa fejn seta' l-problemi l-iktar urġenti li kienu qed ikidduhom. Fl-istess ħin ried ilaħħaq mal-amministrazzjoni u l-esiġenzi tal-prefettura, li minkejja ċ-ċokon kienet mifruxa fuq territorju vast. Billi issa kien membru sħiħ u attiv tal-konferenza tal-isqfijiet, kompla saħħaħ ir-relazzjonijiet tiegħu mal-Knisja tal-Kenja. Beda jieħu sehem f'ħidmiet mal-Knisja lokali, u għalkemm ma kienx obbligat kien ikun mistieden jattendi għaż-żjarat ad limina mal-Papa, flimkien mal-isqfijiet l-oħra tal-Kenja.

Tul it-tmien snin li Mons. Leo White dam prefett appostoliku, bl-appoġġ sħiħ tal-provinċja li kienet kollha warajh, deher ċar li l-prefettura ta' Garissa kienet qabbdet għeruqha sewwa u kompliet titkattar. B'ħidmet il-missjunarji Maltin l-Insara żdiedu u l-istituzzjonijiet Kattoliċi rawmu bażi soda, bi gruppi attivi fid-diversi parroċċi. Skont il-liġi tal-Knisja dawn il-kundizzjonijiet wasslu biex il-prefettura ta' Garissa ssir djoċesi. Inkiteb li Mons. Leo



"... kien wera li ma ħassux li kellu jitgħabba bil-ministeru episkopali". Għalhekk fit-3 ta' Frar 1984 il-Papa San Ġwanni Pawlu II nieda d-djoċesi ta' Garissa u ħatar lil Mons. Pawlu Darmanin OFMCap, illum isqof emeritu, bħala l-ewwel isqof.

## ISQOF EMERITU TA' GARISSA

Fl-istess jum Mons. Leo rriżenja mir-responsabbiltajiet tiegħu f'Garissa, pass li fisser ukoll it-tmiem tal-ħidma missjunarja tiegħu fil-Kenja. Baqa', iżda, prefett appostoliku emeritu ta' Garissa. Fl-istess sena Mons. Leo telaq u mar ikompli bil-ħidma pastorali tiegħu barra minn Malta sa tmiem ħajtu.

## BROOKLYN, USA (10 SNIN)

L-ewwel ma mar kien l-Istati Uniti, fid-djoċesi ta' Brooklyn, fejn kien vigarju parrokkjali f'erba' parroċċi: Santa Fortunata, East New York; San Karlu Borromeo, Brooklyn Heights; l-Imqaddes Demm Prezzjuż ta' Kristu, Bath Beach; u fil-knisja ta' San Iljun, Corona. Wara sitt snin ta' ħidma pastorali fi Brooklyn ħass li kellu jagħmel għażla fost l-iktar importanti f'ħajtu. Telaq l-Ordni tal-Aħwa Minuri Franġiskani Kapuċċini u qaleb għal saċerdot djoċesan. It-talba tiegħu ntlaqgħet mill-provinċja Maltija u fid-29 ta' Jannar 1990 kien inkardinat bħala qassis fid-djoċesi ta' Brooklyn.

## SOUTHWARK, UK (14-IL SENA)

Fl-1994 mar l-Ingilterra fl-arċidjoċesi ta' Southwark u beda jwettaq is-sehem pastorali tiegħu f'St George's Cathedral sal-1997, sakemm issieħeb mal-kleru ta' St Bede's Parish Church. Fost il-ħidmiet ewlenin tiegħu f'din il-parroċċa kien kappillan tar-refuġjati Ispaniċi (Hispanic Refugees), u bejn l-1995 u l-2000 tal-Komunità Latino-Amerikana (Latin American

Community). Kien ta bidu għall-quddiesa ta' filgħaxija kull nhar ta' Sibt. Fl-2001, fl-età ta' 72 sena, iddeċieda li jirtira, għalkemm baqa' f'kuntatt mal-parroċċa ta' San Beda kif ukoll baqa' kappillan tal-Għaqda tal-Ommijiet Kattoliċi (Union of Catholic Mothers [UCM]) u kien jagħmel quddiesa għalihom kull nhar ta' Ħamis filgħaxija.

F'April tal-2017 ħasibha li jerġa' jmur lura fi Clapham fil-parroċċa ta' San Beda, u kompla, sa fejn seta', jaqdi u jferraħ lil kulħadd. L-10 ta' Mejju 2018 kienet l-aħħar darba li akkumpanja lill-membri tal-UCM f'Lourdes. Ħin bla waqt, fl-aħħar jiem ta' Lulju 2018, Mons. Leo White ttieħed b'urġenza s-St George's Hospital f'Londra, fejn radd ruħu u reġa' lura serenament f'Dar il-Missier fil-31 ta' Lulju 2018.

## L-AĦĦAR TISLIMA F'MALTA

Mons. Leo White kien esprima x-xewqa li jindifen fil-qabar tal-familja fiċ-Ċimiterju Santa Marija Addolorata. Għaldaqstant il-fdalijiet tiegħu nġiebu Malta biex jingħata l-aħħar tislima. Il-familja wkoll uriet ix-xewqa li ċ-ċelebrazzjoni tal-ħajja ssir it-Tnejn, 27 ta' Awwissu 2018 fil-parroċċa ta' Kristu Sultan f'Raħal Ġdid, fejn huwa kien magħruf ħafna.

Il-konċelebrazzjoni solenni tmexxiet minn Mons. Charles J. Scicluna, Arċisqof ta' Malta, li għamel ukoll



l omelija, flimkien ma' Mons. Pawlu Darmanin OFMCap, Isqof Emeritu ta' Garissa, Rev. Marc Andrè Camilleri, kappillan tal-parroċċa, u għadd ġmielu ta' aħwa Kapuċċini u saċerdoti oħra. Fost il-miġemgħa numeruża kien hemm ħutu Edgar u Marija, neputijiet u ħbieb. Il-konċelebrazzjoni ntemmet bit-tberik u l-inċensar tat-tebut, li fuqu tpoġġiet il-mitra u quddiemu l-insinja pontifikali l-oħra li kien jilbes Mons. Leo bħala prefett appostoliku.
B'turija ta' mħabba u rispett mill-Aħwa Minuri Franġiskani Kapuċċini Maltin, fit-30 ta' Settembru 2018 fil-knisja tas-Salib Imqaddes fil-kunvent tal-Furjana saret ċelebrazzjoni ewkaristika b'suffraġju għal ruħu, li tmexxiet minn Mons. Pawlu Darmanin OFMCap, Isqof Emeritu ta' Garissa. Ħadu sehem Patri Effie Mallia OFMCap, Ministru Provinċjali, flimkien ma' numru ta' aħwa Kapuċċini u saċerdoti, bil-parteċipazzjoni tal-familjari, qraba, u ħbieb ta' Mons. Leo White, u benefatturi u ħbieb tal-missjoni tal-Kapuċċini.

**Ħsibijiet u Tifkiriet**
"... a gentle priest of 89 who helps in the parish" (UCM, 10 ta' Mejju 2018)

"Please pray for the soul of Mons. Leo White, who died on the 31st July 2018" ("RIP", Fuljett Djoċesan, Arċidjoċesi ta' Southwark)

"... temm ħajtu Monsinjur Leo White, Prefett Appostoliku Emeritu ta' Garissa... f'Londra, fejn Monsinjur White kien irtirat u jwettaq ħidmiet pastorali sakemm ippermettietlu saħħtu." ("Miet Monsijur Leo White", *Il-Leħen*, 5 ta' Awwissu 2018)

"Mons. Leo White fil-ħajja tiegħu, speċjalment bħala saċerdot, reliġjuż u missjunarju, għażel dejjem id-dawl, u dan se jkun il-ħlas etern tiegħu." (Silta mill-omelija minn ta/ Mons. Ch. J.



Scicluna, Arċisqof ta' Malta, waqt il-funeral, fis-27 ta' Awwissu 2018)

"Għalina l-Franġiskani Kapuċċini, Mons. Leo huwa persuna għażiża, speċjalment għall-ħajja eżemplari u attiva li wettaq f'kull ħidma li ġie msejjaħ għaliha bħala Kapuċċin." (*Dawl Franġiskan*, Ottubru 2018, p. 21)

"Leo Joseph White, prefect of Garissa, Kenya, 1976-1984, was incardinated in this diocese in 1990." Affiliated Bishops Deceased: Leo Joseph White † (Priest: 1990 to 31 Jul 2018), djoċesi ta' Brooklyn (Catholic Hierarchy)

Lista tal-Past and Present Ordinaries u l-Affiliated Bishops Deceased, djoċesi ta' Garissa (Catholic Hierarchy)

## GĦELUQ

Kemm hu diffiċli! Infakkar biss fl-istqarrija li bdejt biha: "... a lifelong service for the benefit of others", imnebbħa lili minn ħuh Edgar. Stqarrija li sawret ħajjet Mons. Leo tul il-mixja tiegħu, dejjem u kull fejn kien. Anki jekk persuna riservata sa minn ċkunitu, tħejja tajjeb spiritwalment u akkademikament. Kien bniedem determinat u dixxiplinat miegħu nnifsu u b'hekk seta' jaqdi b'reqqa u b'umanità kull ordni, ħatra jew missjoni li ngħatatlu. Nagħmel tiegħi kliem Edgar, ħu Mons. Leo: "Kellu l-karattru personali tiegħu, b'ħafna nuqqasijiet – għax bniedem – imma wkoll ħafna tajjeb! Wara kollox anki l-qaddisin – għax bnedmin – kellhom fehmiet personali differenti, għalkemm l-għan tagħhom dejjem kien li jaqdu lil Alla akkost ta' kollox u jkunu ta' servizz għall-bnedmin, bil-limitazzjonijiet kollha tagħhom."

Persważ li l-karattru tiegħu kien parti mis-suċċess kull fejn mar, speċjalment fil-Kenja fejn ħadem bla heda, filwaqt li dejjem għaraf, sinċerament u ġenwinament, il-ħidma sfiqa ta' ħutu l-Kapuċċini tal-bidu u dawk ta' warajhom. Nagħlaq għalhekk b'din is-silta ta' Mons. Leo: "... il-missjunarji kollha, immexxija mill-Kapuċċini Maltin, taw prova qawwija kontra kull ħaġa kuntrarja ta' kuraġġ, eroiżmu u mħabba lejn il-Knisja u l-Ordni. Dan jidher fil-barka li Alla sawwab fuq ħidmithom bl-għadd ta' vokazzjonijiet ġodda kemm saċerdotali kif ukoll reliġjużi li jistgħu jkomplu ħidmithom missjunarja." (*Dawl Franġiskan* – "Messaġġ minn Mons. L. White fl-okkażjoni tal-20 sena tal-ħidma missjunarja fil-Kenja")

Mons. Leo White baqa' sal-aħħar ta' ħajtu ħabib tal-Aħwa Minuri Franġiskani Kapuċċini. Baqa' jħares lejhom u jistmahom bħala ħutu. Kellu relazzjoni mill-aqwa magħhom ilkoll, speċjalment ma' Mons. Pawlu Darmain OFMCap, li kien l-ewwel isqof ta' Garissa. Kull darba li kien jiġi Malta, fost iż-żjarat li kien jagħmel qatt ma naqas li jmur il-kunvent tal-Kapuċċini fil-Furjana, u dan l-aħħar bl-iskop speċifiku li jiltaqa' ma' Mons. Pawlu Darmanin. Apparti li kien abbonat fir-rivista *Dawl Franġiskan* b'sens ta' għaqda fraterna mal-Kapuċċini Maltin, kull meta kien iżur Malta qatt ma naqas li jagħti donazzjonijiet ta' flus b'risq il-missjoni tal-Kenja. U dan baqa' jagħmlu sa ma ħalliena, billi

kultant żmien kien anke mill-Ingilterra jibgħat ċekkijiet ta' flus bħala għotjiet għall-missjoni.

Mulej, agħtih int il-mistrieħ ta' dejjem flimkien mal-qaddisin fis-sema! ■




**REFERENZI**

Nota: Irrodd ħajr lis-Sur Edgar White u lil xi aħwa Kapuċċini li kienu jafu lil Mons. L. White għat-tagħrif li ġentilment għaddewli, permezz ta' emails u bit-telefon.

Acta Pauli Pp. VI ASS 1977 p. 168
SACRA CONGREGATIO PRO GENTIUM EVANGELIZATIONE SEU DE
PROPAGANDA FIDE PROVISIO ECCLESIARUM
Nominatio: Decreto suo Sacra Congregatio pro Gentium Evangelizatione seu de
Propaganda Fide ad suum beneplacitum renuntiavit:
Die 9 Decembris 1976 - R. D. Leonem White, Ordinis Fratrum Minorum
Capuccinorum sodalem, Praefecturae Apostolicae, noviter in Kenyana Republica
erectae, Praefectum Apostolicum.

Acta Pauli Pp. VI AAS 1976
- Commentario III Allocutiones. Ittra lill-Ministru Ġenerali tal-Aħwa ż-Żgħar Franġiskani Kapuċċini fl-okkażjoni tal-Kapitlu Ġenerali li sar f'Ruma fl-1967

CDC (= Liġi tal-Knisja) Kan.: 371 §1

The Provincial Secretariat of the Maltese Capuchin Missions, 2009, Garissa Visions Realised

Bonavia, S. OFMCap, 2009, "Il-Bidu u l-Iżvilupp tad-Djoċesi ta' Garissa", *Dawl Franġiskan*, Jannar 2009, I.
Bonavia, S. OFMCap, 2009, "Garissa (il-Kenja) - Prefettura Appostolika u Djoċesi Fjorenti", *Dawl Franġiskan*, Frar 2009, II.

Baldacchino, Mons. F. OFMCap, 2009, "Żerriegħa Ċkejkna bi Frott Kotran (I)", *Dawl Franġiskan*, Marzu 2009

VV., 2009, "Mons. Pawlu Darmanin OFMCap - 25 sena Isqof ta' Garissa, il-Kenja", *Dawl Franġiskan*, Ġunju-Lulju 2009 - Ħarġa Speċjali

*Dawl Franġiskan*, Ottubru 2018, pġ. 21

"Miet Mons. Leo White", 2018, *Il-Leħen*, 5 ta' Awwissu 2018

Arċidjoċesi ta' Southwark
* Website of St Bede's Church
* *Clergy Appointments and News* (fuljett djoċesan),

Announced August 2018
* *Catholic Herald - Diary by Stuart Reid*, 10 May 2018
* Parish Groups within St Bede's Catholic Church, "The Union of Catholic Mothers"
* Obituary

Djoċesi ta' Brooklyn
* Website of the Diocese of Brooklyn
* *The Tablet,* "Five Diocesan Priests Were Ordained 60 Years Ago", May 19, 2016
* *The Tablet*, "Msgr White Served 62 Years As Priest", "Obituaries", August 8, 2018

Oħrajn:
"Hierarchy of the Catholic Church", *Enciclopedia Cattolica*; Glossario Liturgico;
*Catholic Dictionary*; Merriam-Webster
Wikipedia: www.wikiwand.com/de/Leo White_(Geistlicher);

"Leo Joseph White OFM Cap war ein maltesischer Ordenspriester und Apostolischer Präfekt von Garissa im Osten"; www.rip.com.mt, 5 August 2018; Wikipedia people

PADRE PIO JURINA T-TRIQ:
"ITLOB, ITTAMA, TINKWETAX."

VINCENT VELLA OFS



# IL-QADDIS PADRE PIO TAL-PJAGI U D-DEVOZZJONI TIEGĦU LEJN SAN ĠUŻEPP (IT-TIENI PARTI)

Fl-okkażjoni tal-150 sena minn meta l-Beatu Papa Piju IX pproklama lil San Ġużepp Patrun Universali tal-Knisja Kattolika fit-8 ta' Diċembru 1870

## MEWTA QADDISA BL-GĦAJNUNA TA' SAN ĠUŻEPP

Bi gratitudni lejn il-glorjuż Patrijarka għall-ħarsien u l-assistenza kontinwa tiegħu, Padre Pio kien iqimu u jigglorifikah b'talbiet spissi. Kull darba li kien jara xi inkwatru sabiħ ta' San Ġużepp, Patri Piju kien istintivament jieqaf iħares lejh, jitolbu u jikkontemplah. Fi djarju qasir li kiteb fis-sajf tal-1929, Padre Pio kiteb li fost il-ħafna noveni li kien jagħmel b'devozzjoni personali, kellu wkoll dik ta' San Ġużepp. F'din in-novena jitlob lil dan il-qaddis li kif hu ħalla din id-dinja akkumpanjat bi mħabba liema bħalha minn Ġesù u minn Marija, li kienu ħdejh, jaqlagħlu l-grazzja li jmut mewta qaddisa. Patri Piju miet b'serenità qaddisa, ilissen l-ismijiet ħelwin ta'



Ġesù u ta' Marija.

Padre Onorato Marcucci, li kien wieħed mill-assistenti ta' Padre Pio fl-aħħar snin ta' ħajtu, jirrakkonta dan l-episodju. "Ġurnata minnhom waranofsinhar, ftit tal-ġimgħat qabel ma miet, kont ma' Padre Pio fil-veranda li kienet qrib iċ-ċella numru wieħed (li kienet ta' Padre Pio), nistenna biex nakkumpanjah lejn is-sagristija għall-funzjoni ta' filgħaxija. Kien l-Erbgħa, ġurnata dedikata lil San Ġużepp, u Patri Piju ma ddeċidiex li jiċċaqlaq. Wieqaf dritt quddiem kwadru tal-glorjuż Patrijarka mwaħħal mal-ħajt, il-venerabbli Patri kien jidher mitluf qisu f'estasi. Għadda ftit tal-ħin ieħor meta jien staqsejtu: "Padre, għandi nistenna aktar? Nistgħu nitilqu? Diġà qegħdin tard." Imma l-mistoqsijiet tiegħi baqgħu bla risposta. Padre Pio kompla jikkontempla lill-glorjuż Patrijarka. Sa fl-aħħar, wara aktar mistoqsijiet mingħandi u wara li ċaqlaqtu minn idejh, Padre Pio esklama: "Ħares! Ħares! Kemm hu sabiħ San Ġużepp! Ħallini noqgħod

hawn ftit tal-ħin ieħor." U tlaqna lejn is-sagristija. Fis-sala San Francesco ltqajna mal-patri sagristan, li staqsiena: "Għaliex daqshekk tard?" U Padre Onorato rrisponda, "Illum Patri Piju ma riedx li jinqala' minn quddiem l-inkwatru ta' San Ġużepp."

Fil-ftit ġranet ta' qabel ma miet, il-patrijiet sħabu nnutaw li Patri Piju kien jieqaf kuljum u jħares fis-skiet lejn din ix-xbieha ta' San Ġużepp imwaħħla mal-ħajt tal-veranda. Iktar tard intebħu li kien qed jitlob kuljum lil San Ġużepp biex jaqlagħlu l-grazzja li jkollu mewta tajba. "Kemm hu sabiħ San Ġużepp!" Padre Pio kien ilissen din il-frażi b'tant emozzjoni fi tmiem l-eżistenza tiegħu fuq din l-art. U din l-esklamazzjoni ta' San Piju, li kien itenni fi tmiem il-ħajja tiegħu terrena, tagħlaq denjament ir-relazzjoni ta' mħabba u devozzjoni li kellu lejn il-glorjuż Patrijarka San Ġużepp, missier putattiv ta' Ġesù, għarus ta' Marija Verġni u patrun tal-mewta tajba.

## FIS-SEMA BIR-RUĦ U BIL-ĠISEM

Padre Pio ma kienx biss devot kbir ta' Marija Santissima, li kien jonoraha kuljum bil-kuruna tar-rużarju f'idejh f'kull ħin tal-ġurnata, imma kien ukoll devot kbir ta' San Ġużepp, l-għarus kastissimu tal-Verġni u missier putattiv ta' Ġesù.



Patri Piju minn dejjem irrakkomanda lil uliedu spiritwali li d-devozzjoni sinċiera u profonda lejn San Ġużepp hija fundamentali fil-ħajja ta' kull Nisrani, għaliex il-Qaddis Patrijarka għandu qawwa kbira fis-sema. "Ite ad Joseph!" kien spiss itenni Patri Piju. "Morru għand Ġużeppi b'fiduċja għamja, għaliex anke jiena, bħal Santa Tereża ta' Avila, qatt ma niftakar li tlabt xi ħaġa lil San Ġużepp ma qlajthiex mill-ewwel." Insibu li darba, meta l-bint spiritwali Cleonice Morcaldi fdat miegħu li temmen li San Ġużepp kien fis-sema bir-ruħ u l-ġisem, hu fil-pront qalilha, "Tista' temmnu dan," filwaqt li stqarrilha li anke hu jemmen fermament li San Ġużepp jinsab fis-sema bir-ruħ u bil-ġisem.

U ma kienx l-uniku qaddis li kien jemmen dan. Waqt li ġurnata minnhom San Bernardino minn Siena kien jipprietka dwar San Ġużepp, f'ħin minnhom stqarr: "San Ġużepp hu glorjuż fis-sema, bir-ruħ u bil-ġisem." F'daqqa waħda deher salib dehbien u leqqien fuq ras il-predikatur qaddis, bħallikieku s-sema wkoll kien qed jafferma din id-dikjarazzjoni. San Bernardino jikkonkludi li kif Ġesù tella' s-sema bir-ruħ u l-ġisem lil Ommu Marija Verġni, hekk ukoll fil-qawmien tiegħu mill-imwiet tella' wkoll miegħu lil San Ġużepp fil-glorja. Kif is-Sagra Familja għexet fid-dinja ħajja ta' xogħol u mħabba flimkien, ġustament li issa tinsab magħquda flimkien fil-glorja tar-renju tas-sema bir-ruħ u bil-ġisem.

San Ġużepp miet u kien midfun, imma ħafna jemmnu li l-ġisem tiegħu rxoxta mill-imwiet u jinsab fis-sema. Sal-lum il-Knisja għadha



ma pproklamatx din il-verità bħala domma ta' fidi, imma l-missirijiet tal-Knisja u teologi ewlenin jaqblu u jaffermaw li San Ġużepp jinsab diġà fis-sema bir-ruħ u l-ġisem, kif inhuma Ġesù u l-Madonna. Nistgħu ngħidu li b'konferma ta' dan wieħed jista' jgħid li fl-ebda riċerka ma nsibu li nstabet xi relikwa mill-ġisem ta' San Ġużepp!

Fil-Vanġelu ta' San Mattew naqraw li meta Ġesù rxoxta mill-mewt, *"l-oqbra nfetħu u l-iġsma ta' ħafna qaddisin mejta qamu. U ħarġu mill-oqbra, wara li hu qam mill-mewt, u ġew fil-belt imqaddsa u dehru lil ħafna"* (Mt. 27, 52-53). Hu loġiku għalhekk li wieħed jikkonkludi li San Ġużepp, hekk kif qam mill-imwiet, deher lill-Verġni Santissima u kkunslaha bid-dehra tal-istat glorjuż tiegħu. Meta Ġesù tela' s-sema, dawn l-erwieħ qaddisa daħlu glorjożament fis-sema. Jekk dan il-privileġġ mess lil tant qaddisin tal-Antik Testment, kemm aktar kien jistħoqq lil San Ġużepp, li kien tant qrib u tant għażiż għal Ġesù. Fost dawk li akkumpanjaw lil Kristu rxoxt fil-glorja tiegħu, ħadd daqs San Ġużepp ma kien jimmeritah li jkun tant qrib tiegħu.

Fit-trattat tiegħu dwar il-virtujiet ta' San Ġużepp, San Franġisk de Sales jgħid: "Jekk aħna nemmnu li bil-virtù tas-Santissimu Sagrament li nirċievu, il-ġisem tagħna għad jirxoxta fil-ġurnata tal-ġudizzju, kif nistgħu niddubitaw li Ġesù tella' miegħu fis-sema bir-ruħ u bil-ġisem lill-glorjuż San Ġużepp, dak li kellu l-unur u l-grazzja li jerfgħu tfajjel fuq dirgħajh u jħaddnu ma' qalbu? San Franġisk de Sales jikkonkludi li hu jemmen b'ċertezza li San Ġużepp jinsab fis-sema bir-ruħ u l-ġisem. San Tumas t'Akwinu jirrifletti li "kif l-ilma jkun ferm aktar nadif u pur aktar ma tersaq lejn il-fonti tan-nixxiegħa, u kif ukoll is-sħana tkun aktar sħuna u qawwija aktar ma tersaq lejn in-nar, hekk ukoll San Ġużepp, li kien tant viċin Ġesù Kristu, kiseb mingħandu l-akbar milja ta' grazzja u mħabba preferenzjali".

## U AĦNA LI GĦADNA HAWN?

*"Ite ad Joseph!"* Hekk kien iħeġġeġ Patri Piju lil uliedu spiritwali u lil dawk li kienu jżuruh. Din l-istedina għadha miftuħa llum għalina lkoll, biex aħna wkoll nersqu lejn San Ġużepp biex nitolbuh jinterċedi għalina fil-bżonnijiet kollha tagħna. B'dan it-tagħlim li għaddielna San Piju ejjew nimpenjaw irwieħna biex aħna wkoll nikkultivaw din id-devozzjoni kbira li dan il-qaddis kellu lejn l-għażiż San Ġużepp, u b'hekk inkunu nagħmlu kuntenti wkoll lil Ġesù u lil Marija Santissima. Ejjew infittxu u napprezzaw li jkollna xi inkwatru sabiħ ta' dan il-qaddis imwaħħal ma' xi ħajt fid-djar tagħna, biex inqimuh kull darba li ngħaddu minn quddiemu filwaqt li ngħidu xi talba biex nigglorifikaw il-qdusija tiegħu u t-tjieba tiegħu lejn l-umanità. Induru lejh biex iħarisna b'dik l-imħabba ta' missier mill-perikli kbar u żgħar li aħna mdawrin bihom. Nitolbu bil-qalb lil San Ġużepp biex jassistina u jipproteġina matul ħajjitna kollha biex inkunu nistgħu nimxu fit-triq it-tajba tal-Mulej. Nitolbuh ukoll biex jaqlgħalna l-grazzja li jkollna mewta tajba biex wara mmorru ngawduh fil-ġenna.

"San Ġużepp ta' qalb safja, itlob għalina."

*(Tagħrif meħud mill-perjodiku* La Voce di Padre Pio *ta' Marzu 1994, mill-perjodiku* La Voce di San Giuseppe *ta' Lulju 1999, u websites* varji*)* ■

JOSEPH C. CAMILLERI
BA; DEAM; M.ED. (PL. & MGT)



# SAN ĠUŻEPP – 150 SENA PATRUN TAL-KNISJA UNIVERSALI - XI STATWI U NIĊEĊ ĠUŻEPPINI (ID-DISA' PARTI)

Il-Maltin kienu juru l-imħabba u l-qima tagħhom b'mod pubbliku billi kienu jwaqqfu statwi tal-ġebel f'nofs xi pjazza jew ipoġġu xi niċċa mal-faċċata tad-dar. Ħafna minn dawn l-istatwi kienu jsiru minn nies ewlenin fejn tidħol l-arti tal-iskultura. Fejn jidħol San Ġużepp insibu skulturi kbar imdaħħlin, bħal Xandru Farrugia (1791-1871), Anton Busuttil (1822-1882) u Salvatore Dimech (1805-1887). Xi niċeċ jew statwi kbar maż-żmien jiksbu importanza u s-sid tan-niċċa jew xi membru tal-kleru jitlob għall-għotja tal-indulġenzi mill-awtorità ekkleżjastika. Ser jissemmew biss xi statwi ewlenin Ġużeppini.[1]

## IL-GUDJA

Il-Gudja jsiru tliet festi Marjani – tal-Assunta, tar-Rużarju u taċ-Ċintura. F'dan l-ambjent tant sinjur Marjan bilfors xi devozzjoni tinbet lejn 'l-għarus ta' Marija' – San Ġużepp. Fil-pjazza ewlenija tal-Gudja, mal-ġenb tal-knisja parrokkjali, insibu żewġ statwi kbar tal-ġebel. Waħda minnhom hi ta' San Ġużepp.



Din hi xogħol Xandru Farrugia u saret fl-1834.[2] Tony Terribile jgħidilna hekk fuq din l-istatwa: "... wieħed ikollu jistqarr li din l-istatwa mhux daqshekk irfinuta daqs iż-żewġ xogħlijiet (għall-Gudja)... magħmula minn dan l-iskultur".[3] Ix-xogħlijiet l-oħra huma l-Madonna taċ-Ċintura ta' Triq il-Kbira u Santa Marija tal-pjazza.

**REFERENZI**

1. L-għażla hi waħda personali.
2. Casha, A. *The Presence of St Joseph in Malta and Gozo during the 19th century.* Centre de recherche et de documentation, Oratoire Saint-Joseph; Montreal; p. 256.
3. Terribile, T. *Niċeċ u Statwi fit-Toroq Maltin*, Kullana Kulturali, Pubblikazzjonijiet Indipendenza; Malta, 2000; p. 93.

## IN-NAXXAR

Fil-pjazza tan-Naxxar, mal-ġenb tal-knisja parrokkjali, parti minn Pjazza Toni Bajada, hemm statwa ta' San Ġużepp. Wieħed jistenna li anke fin-Naxxar titwieled devozzjoni lejn dan il-qaddis, billi din il-parroċċa hija ddedikata lil Marija Bambina. Din hi xogħol Anton Busuttil u saret fl-1865. Billi kisbet popolarità fost in-Naxxarin, l-Isqof Gaetano Pace Forno ta indulġenzi lil kull min jieqaf għal xi minuti u jlissen talba.[4]

## IL-MOSTA

Din il-lokalità għandha tliet statwi Ġużeppini. Waħda saret minn Salvatore Dimech fl-1855, it-tieni waħda saret minn Marco Montebello (1915-1988) għaz-zuntier tar-Rotunda biex tieħu post statwa oħra li kienet saret matul is-seklu 19. L-aktar statwa Ġużeppina magħrufa fil-Mosta hija dik li tinsab fuq it-triq ewlenija li tgħaqqad il-Mosta ma' Burmarrad. Din l-istatwa ta' San Ġużepp tant kisbet popolarità li z-zona saret magħrufa bħala ta' San Ġużepp tat-Tarġa. Din l-istatwa ġiet mogħtija indulġenzi speċjali fl-1873.[5]

## ĦAL QORMI

Fil-Belt Pinto nsibu żewġ xogħlijiet fil-ġebla Maltija, ta' Vincenzo Decandia. L-ewwel xogħol tiegħu kienet l-istatwa ta' Santa Marija, li tpoġġiet quddiem il-knisja ta' Santa Marija f'Tal-Ħlas. It-tieni xogħol hu statwa ta'



San Ġużepp li tpoġġiet viċin il-knisja tal-Vitorja. L-istatwa Ġużeppina saret fl-1889.[6] Tony Terribile qal hekk fuq dawn iż-żewġ statwi: "F'dawn iż-żewġ statwi l-iskultur Decandia wera l-kapaċità tiegħu fl-arti tal-iskultura. Iż-żewġ statwi għadhom sal-lum igawdu devozzjoni kbira."[7]

## ĦAL SAFI

Niċċa ta' San Ġużepp tinsab ma' faċċata ta' dar qadima li tinsab fi triq imsemmija għal dan il-qaddis. Tony Terribile jgħidilna: "Ħasra li ġiet miżbugħa kemm-il darba u għalhekk intilfu bosta dettalji, iżda b'dana kollu tibqa' waħda mill-isbaħ statwi ta' San Ġużepp fit-toroq tagħna."[8]

## ĦAL TARXIEN

Fir-raħal ta' Ħal Tarxien insibu devozzjoni qawwija lejn San Ġużepp. Insibu diversi niċeċ ta' San Ġużepp. Waħda minnhom tinsab fuq faċċata ta' knisja li qabel kienet iddedikata lil San Ġużepp iżda llum hi ddedikata lill-Familja Mqaddsa. Din il-kappella hi f'idejn is-Sorijiet tal-Karità. Waħda minn dawn in-niċeċ tinsab fi Triq San Ġużepp u Triq il-Karmnu. Din kienet niċċa importanti għat-Tarxiniżi, tant li ġiet mogħtija l-indulġenzi fl-1915.[9]

**REFERENZI**


4. Terribile, T. *Niċeċ*... op. cit.; p. 156.
5. Casha, A. *The presence*... op. cit.; p. 256.
6. Casha, A. *The presence*... op. cit.; p. 256.
7. Terribile, T. *Niċeċ*... op. cit.; p. 35.
8. Terribile, T. *Niċeċ*... op. cit.; pp. 175-176.
9. Terribile T., *Niċeċ*... op. cit.; pp. 198-199.

# AĦBARIJIET TAL-PROVINĊJA



BR MIGUEL ZAMMIT OFMCap
SEGRETARJU PROVINĊJALI

## NOVEMBRU 2020

### 1. L-ISQOF TA' GARISSA ĠIE U MAR



Ħuna Mons. Joseph Alessandro ġie għal ġranet ta' mistrieħ fostna u issa diġà rritorna lura lejn id-djoċesi ta' Garissa, il-Kenja, li tagħha huwa l-isqof. Huwa wasal Malta nhar is-Sibt, 15 ta' Frar 2020. Kellu ħsieb li jdum Malta għal ħames ġimgħat imma minħabba l-problema li nqalgħet bl-imxija tal-Coronavirus u bl-ajruporti magħluqa kien obbligat li jibqa' magħna għal kważi sitt xhur. Huwa issa rritorna lura lejn il-Kenja nhar it-Tnejn, 24 ta' Awwissu 2020.

Matul ix-xhur li dam magħna huwa ma naqasx li jżomm kuntatt kontinwu speċjalment man-Nunzju Appostoliku tal-Papa f'Nairobi kif ukoll mal-Vigarju Ġenerali tiegħu ġewwa d-djoċesi ta' Garissa Ħuna Fr George Muthaka OFMCap.

Għalkemm Ħuna Mons. Joseph Alessandro din id-darba dam magħna f'Malta għal kważi sitt xhur, xorta waħda baqa' mhux biss jaħseb b'ċerta preokkupazzjoni fid-djoċesi li ħalla warajh imma wkoll ma naqasx li bil-preżenza tiegħu f'Malta jkompli janima lilna l-Maltin u l-Għawdxin dwar il-ħidma tiegħu fil-missjoni. Huwa deher diversi drabi fuq programmi tar-radju u t-televiżjoni. Għalkemm minħabba l-pandemija tal-COVID-19 l-attivitajiet tal-massa kienu neqsin, huwa kull fejn ġie mistieden mar bil-għan li bil-preżenza tiegħu jkompli jkun ambaxxatur ta' Knisja missjunarja fl-Afrika.

Fost id-diversi laqgħat u attivitajiet li kellu, kemm mal-familjari tiegħu u fil-kunventi u l-knejjes tagħna l-Kapuċċini, kellu wkoll diversi attivitajiet ta' fundraising. Mill-Uffiċċju tal-Missjoni tal-Kapuċċini fil-Furjana Ħuna Mons. Joseph Alessandro rċieva total ta' €70,000. Dawn huma kollha flus miġbura mingħandkom, għeżież benefatturi Maltin u Għawdxin. Ma' dawn kien hemm diversi benefatturi oħra li b'mod personali tawh l-offerti tagħhom, speċjalment wara li rawh fuq programm fuq Xejk TV permezz tal-Fondazzjoni U u wara artikli li nkitbu f'xi ġurnali Maltin.

Issa li Ħuna Mons. Joseph irritorna lura lejn il-Kenja fl-Afrika bil-għan li jissokta l-ħidma pastorali u soċjali tiegħu bħala isqof ta' Garissa, nixtieq li fuq xewqa tiegħu stess f'ismu nwassal ir-ringrazzjamenti tiegħu lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor għenuh. Huwa insista ħafna magħna sabiex permezz ta' din ir-rivista *Dawl Franġiskan – Leħen il-Kapuċċini Maltin* inwassal lilkom, għeżież benefatturi, ir-radd ta' ħajr għal kull għajnuna li tajtuh u li żgur ser tkomplu tagħtuh. Huwa jirringrazzjakom speċjalment għat-talb u s-sagrifiċċji tagħkom, li toffru b'risq il-missjoni u l-missjunarji. ■





## 2. BBQ GĦALL-AĦWA TAL-PROVINĊJA

Nhar it-Tnejn, 7 ta' Settembru 2020 ġiet organizzata laqgħa provinċjali għaż-żmien tas-sajf. Din il-laqgħa bdiet permezz tat-talba tal-Għasar fil-knisja tagħna tas-Salib Imqaddes, il-Furjana, ippreseduta mill-Ministru Provinċjali Fr Effie Mallia. Wara dan il-mument ta' talb saret ikla fraterna fir-refettorju tal-kunvent. Kienu diversi aħwa li attendew għal dan il-mument sabiħ li fih stajna niltaqgħu flimkien waqt dan iż-żmien tas-sajf. ■

## 3. GĦOTJA B'INIZJATTIVA PERSONALI



L-ex missjunarja fil-Kenja Catherine Camilleri miż-Żurrieq, għalkemm issa rtirat mill-ħidma missjunarja xorta waħda baqgħet tħobb il-missjoni. Fuq inizjattiva personali hija organizzat attività ta' fundraising b'risq din il-missjoni. L-għan tagħha kien li qabel ma Ħuna Mons. Joseph Alessandro jirritorna lejn il-Kenja hija tkun tista' tagħtih għotja tajba b'risq id-djoċesi ta' Garissa. Hija organizzat lotterija b'żewġ raffles. Propju erbat ijiem qabel ma l-Isqof Alessandro rritorna lejn il-Kenja, nhar il-Ħamis 20 ta' Awwissu hija għaddietlu s-somma sabiħa ta' €1,200.

Iż-żewġ rebbieħa ta' din il-lotterija b'risq il-missjoni tal-Kenja huma Francis Farrugia miż-Żurrieq bil-biljett numru 190 Serie GHI u Josette Charter bil-biljett numru 37 Serie GHU. Għażiża Catherine, prosit u grazzi. Ibqa' żomm f'qalbek din l-imħabba li għandek lejn il-missjoni u l-missjunarji. Grazzi lil dawk kollha li ħadu sehem f'din il-lotterija ■

## 4. FONDAZZJONI U

Minbarra l-Maratona Missjoni li l-Fondazzjoni U organizzat bejn l-24 u s-26 ta' Jannar 2020, li għaliha aħna l-Franġiskani Kapuċċini konna fost il-benefiċjarji, id-Direttur Dun Ġwann Farrugia għamlilna tliet stediniet oħra fuq il-programm Maratona Missjoni, li huwa jtella' fuq Xejk TV. Mill-maratona Il-Missjoni Hija Bżonnok li saret f'Jannar 2020 konna rċevejna s-somma sabiħa ta' €60,000 (ara d-*Dawl Franġiskan* ta' Settembru 2020, p. 29).

L-ewwel stedina kienet dik ta' nhar il-Ħamis, 15 ta' Mejju 2020, li għaliha kienu mistiedna

Mons. Joseph Alessandro u Fr Philip Cutajar bħala direttur tal-Uffiċċju Missjoni Kapuċċini. Dakinhar bil-ġbir li sar l-Isqof ta' Garissa ngħata s-somma sabiħa ta' €15,000.




It-tieni stedina mill-Fondazzjoni U saret nhar il-Ħamis, 18 ta' Ġunju 2020 lil Ħuna Fr Karm Aquilina, bil-għan li jirċievi għajnuna għall-missjoni li ser jagħti bidu għaliha fit-Tanzanija. I luwa rċieva s-somma ta' €10,000. Lil Ħuna Fr Karm nawgurawlu għal din il-ħidma ġdida li ser jingħata għaliha bħala missjunarju fit-Tanzanija.

It-tielet stedina kienet dik ta' nhar il-Ħamis, 30 ta' Lulju 2020. Għal dan il-programm kienu mistiedna Ħuna Fr Paul Bugeja flimkien ma' Ħuna Fr Philip Cutajar. Ħuna Fr Paul tkellem dwar il-proġett tal-bini ta' kappella fil-Filippini filwaqt li Fr Philip anima lit-telespettaturi sabiex jgħinu fil-formazzjoni tas-saċerdoti ġodda fil-Kenja. Minn dan il-programm inġabret is-somma ta' €14,000. Minn dawn kien hemm 22 borża ta' studju.

Grazzi u prosit lill-Fondazzjoni U, lil Dun Ġwann Farrugia u lill-voluntiera kollha li jgħinuh, u grazzi lill-benefatturi kollha li taw l-għotja tagħhom. Inwegħdukom it-talb tagħna. ■

## 5. KTIEB ĠDID MINN ĦUNA FR MARIO ATTARD OFMCap

Dan l-aħħar il-Moviment Tpattija għad-Dagħa għadu kemm ippubblika ktieb li ħareġ minn idejn Ħuna Patri Mario Attard OFMCap. Il-ktieb jismu ***Għas-Sema Pajjiżna***. F'din is-sensiela ta' artikli l-awtur jgħin lill-qarrej jew qarrejja jaslu għall-konklużjoni li l-veru pajjiżna hu s-sema. Mela għalfejn ħafna rbit ma' din id-dinja li tgħaddi malajr u li qisna m'aħna ħa mmutu qatt? Ħuna Fr Mario minn qalbu jirringrazzja lill-Ispirtu s-Santu ta' kemm jgħallmu jagħraf il-verità li tinstab biss f'Ġesù Kristu Sidna u hi mkenna b'tant imħabba minn Ommu u Ommna Marija. ■




## 6. PUBBLIKAZZJONI TA' KTEJJEB B'RISQ IL-MISSJONI

Għal darb'oħra s-Sur George Zammit, ħabib u benefattur tal-missjoni tagħna l-Kapuċċini fil-Kenja, ippubblika ktejjeb ġdid, din id-darba b'tema Marjana, bl-isem *Ir-Rużarju Mqaddes.* Id-dħul kollu mill-bejgħ ta' dan il-ktejjeb devozzjonali ser imur għall-għan li jinġabru boroż ta' studju għall-formazzjoni ta' saċerdoti ġodda fil-missjoni tal-Kapuċċini fil-Kenja. Il-prezz tal-ktieb huwa ta' €1 kull kopja, però kull għotja għall-missjoni tiġi ferm apprezzata. Fil-fatt il-ħabib u benefattur tagħna Ġorġ, li kellu f'moħħu li jiġbor borża ta' studju ta' €600,

sakemm qed nippubblikaw din l-aħbar diġà kien ġabar 3 boroż ta' studju, għaliex kienu ħafna li mal-€1 bħala ħlas tal-ktieb taw b'ġenerożità offerti oħra għall-missjoni. Grazzi lis-Sur Zammit u grazzi lilkom li xtrajtu dan il-ktejjeb u b'hekk għentu lill-missjoni tagħna fil-Kenja. ■






## 7. FESTA TA' SAN MIKIEL ARKANĠLU FIL-KUNVENT TAL-FURJANA

Bħalma issa hija drawwa ta' kull sena, nhar id-29 ta' Settembru, fil-knisja tagħna tas-Salib Imqaddes tal-Furjana ġiet iċċelebrata l-festa ta' San Mikiel Arkanġlu. Kif nafu, il-kunvent tagħna għandu rabta ma' dan l-Arkanġlu, għax huwa l-kunvent fejn għex Fra Adriano minn Castro Giovanni u anke minħabba l-esperjenzi spiritwali tiegħu mal-Prinċep tal-Anġli.





Fil-fatt insibu niċċa bi statwa żgħira ta' San Mikiel li skont l-istorja tal-kunvent saret bħala tifkira tad-dehriet li Fra Adriano kien ikollu minn San Mikiel. Il-fdalijiet ta' Fra Adriano jinsabu fil-kannierja tagħna tal-Furjana. Din il-festa ġiet iċċelebrata permezz ta' quddiesa mmexxija minn Fr Joe Buttigieg. Minħabba s-sitwazzjoni tal-COVID-19 din is-sena ma kienx hemm il-possibiltà li dawk preżenti jitilgħu fil-kunvent u jżuru din in-niċċa u l-kappella li hemm biswitha. Qabel il-quddiesa saret it-talba tar-rużarju u l-Litanija ta' San Mikiel. Fl-omelija tiegħu Fr Joe Buttigieg tkellem dwar il-missjoni tal-anġli, li niżlin u telgħin, biex iġibulna l-imħabba ta' Alla. Waqt din il-quddiesa anima l-kor tal-knisja tagħna tal-Furjana u din iċ-ċelebrazzjoni kienet trażmessa dirett fuq l-istazzjon ta' Radju Marija. ■

FR SILVESTRU BONAVIA OFMCap



# L-ENĊIKLIKA "ILKOLL AĦWA" U L-BEATU CARLO ACUTIS

Ħassejtni imbarazzat insejjaħ dan l-artiklu b'dawn iż-żewġ ismijiet, li għall-ewwel xejn ma hu xieraq tgħaqqadhom u aktar u iktar ikunu flimkien f'ras artiklu għal rivista bħad-*Dawl Franġiskan*. Imma xejn minn dan! Ejjew naraw ftit flimkien kif dan huwa paragun li joqgħod tajjeb, jixraq u jagħmel ħafna sens, u fuq kollox hu Franġiskan fl-għeruq tiegħu.

### IL-PAPA FRANĠISKU F'ASSISI

Nhar is-Sibt 3 t'Ottubru li għadda, lejlet il-festa kbira ta' missierna San Franġisk, il-Papa Franġisku mar Assisi f'pellegrinaġġ ta' talb u waqaf fuq il-qabar għażiż tal-qaddis, u hemm iffirma t-tielet ittra enċiklika tiegħu. Hekk b'ħeġġa dejjem ġdida jwassal il-messaġġ li ilu jwassal b'ħafna modi matul il-kważi tmien snin li ilu papa, u li l-aktar f'dawn l-aħħar xhur laħqu quċċata għolja ħafna bid-diskors "maġisterjali" (bħala għalliem tassew) lill-mexxejja tan-nazzjonijiet. Dakinhar "il-Ġnus Magħquda" kienu qed jiċċelebraw il-75 sena mit-twaqqif tagħhom fl-1945, eżatt wara t-tmiem tat-Tieni Gwerra Dinjija.

Huwa fatt li l-Papa din id-darba ma marx New York, peress li kienet konferenza virtwali. Id-diskors tiegħu f'din il-konferenza virtwali ġie meqjus bħala wieħed kbir li l-Papa biss, minħabba l-awtorità "morali" li jgawdi, tista' tgħid li għandu. Hekk ikkummentaw ġurnalisti ta' xeħta lajka, jiġifieri mhux reliġjużi, meta xandruh dakinhar tal-24 ta' Settembru!

### IT-TIELET ENĊIKLIKA TAL-PAPA FRANĠISKU

Għax dakinhar il-Papa għamel sejħa mill-qalb bħala missier li jrid jara lil uliedu kollha jgawdu mill-ġid kollu li l-Mulej ħalla f'idejn il-bnedmin u kulħadd jgħix id-dinjità tiegħu.

U dan hu l-appell bażiku li l-Papa jrid iwasslilna lilna lkoll, lil kulħadd skont is-sejħa tiegħu, skont il-ħidma mħollija f'idejh, kemm jekk reliġjuża, kemm jekk politika fuq livelli għolja, kif ukoll fuq livelli 'l isfel fl-iskala tas-soċjetà, li tasal sal-familji, fl-ambjent, fl-uffiċċji, fl-iskejjel u wkoll anke b'mod individwali. U bil-mezzi kollha li jkollok f'idejk jew li jiddependu minnek (bħalma b'ħafna limitazzjonijiet qed nipprova nagħmel anke jien issa permezz ta' din il kitba).

### IL-BEATU ĠDID CARLO ACUTIS

U dan hu wieħed mill-messaġġi qawwija li joħorġu kemm mill-enċiklika ***Ilkoll Aħwa*** kif ukoll bil-beatifikazzjoni



taż-żagħżugħ ta' appena 15-il sena Carlo Acutis (1990-2005). Għax waħda mill-mistoqsijiet ewlenin u diretti li jagħmlilna l-Papa fl-enċiklika hija: "Jien u inti x'nistgħu nagħmlu biex inkabbru dejjem aktar dan is-sens fratern tassew fejn aħna?" U l-Beatu Carlo dan ukoll li pprova jagħmel f'ħajtu, qasira ħafna minħabba l-marda li ġiet fuqu hekk malajr, li fi ftit jiem temmitlu ħajtu. Huwa ssemma Carlo għal nannuh, li kien awditur ma' kumpanija magħrufa, u missieru, kważi fl-istess linja, minn Milan emigra lejn Londra, u meta kellu madwar 5-6 snin reġa' lura pajjiżu u kiber u... malajr... sar "espert" fl-użu tat-teknoloġija tal-informatika. Mhux ta' b'xejn ħafna sejħulu "fenomenu" tal-mezzi moderni tal-



komunikazzjoni: Twitter, Facebook u aktar.
Għax il-Beatu Carlo ried b'kull mod u b'kull mezz li seta' jwassal lil Ġesù, b'mod speċjali fl-Ewkaristija, u l-kelma nnifisha ta' Ġesù fl-Evanġelju lil kulħadd. U r-riżultati tawh raġun, għax kellu mijiet ta' eluf isegwuh matul il-ftit snin li għamel dan, minbarra l-frott ta' ħidmitu bil-websites li bena fuq hekk u l-wirja virtwali fuq hekk (għamel website, bħal enċiklopedija ta' 136 miraklu ewkaristiku), li ġa xterdet f'ħafna pajjiżi fid-dinja, u hija hemm għal kull min irid jaraha u jitgħallem minnha wkoll!

Hekk il-Beatu Carlo ta sehmu, għalkemm f'età relattivament żgħira, imma b'pass qawwi u b'saħħtu ħafna, biex jgħin biex tinbena aktar fis-sod dinja u soċjetà aktar fraterna, fejn, kif stedinna l-Papa Franġisku, aħna nuru u ngħixu bħala lkoll aħwa.

## L-ENĊIKLIKA *ILKOLL AĦWA*

Fl-enċiklika *Ilkoll Aħwa* l-Papa Franġisku, bl-istil sempliċi tiegħu, imma qawwi u li jista' jifhmu kulħadd, wara daħla qasira jitkellem fuq il-ħtieġa li napprezzaw id-dinjità ta' kull bniedem. Imbagħad il-Papa jagħmel kumment twil dwar il-parabbola tal-ħanin Samaritan u kif tassew jistedinna ngħinu lil kull bniedem għax fih naraw lil Kristu nnifsu.

Imbagħad il-Papa Franġisku jappella bil-qawwa kollha biex tinbena soċjetà fejn ilkoll naqsmu kollox bejnietna u ngħixu bħal aħwa. Inkunu aktar miftuħa għall-ħtiġijiet tal-oħrajn, kemm dawk qribna kif ukoll jekk huma f'pajjiż ġar tagħna jew ukoll f'dawk imbiegħda. Iħeġġiġna biex bi kliemna, bl-imġiba tagħna u b'kull mezz, anke pajjiżi bejniethom iwettqu dan! Wara l-Papa jistieden lil kulħadd biex il-ġid komuni jkun tassew jista' jgawdi minnu kulħadd. Imbagħad – kif ġa għedna aktar qabel – jappella biex il-mezzi soċjali jintużaw għal dan il-għan. F'kapitlu 6 hemm appell qawwi ħafna għal dawk li jbatu jew batew biex jaħfru, bħalma jgħallimna Ġesù, u biex niftakru imma mhux biex naffermaw lilna nfusna, iżda biex nitgħallmu aktar minn dak li nkunu għaddejna minnu u nagħtu sehemna. Kemm min ikun żbalja kif ukoll min ikun bata, biex ilkoll nagħtu sehemna għal aktar għaqda flimkien. U fl-aħħar nota sabiħa ekumenika lill-Knejjes kollha Nsara u anke lil nies ta' rieda tajba f'reliġjonijiet oħra, sabiex ilkoll nagħtu sehemna għal dan il-għan.



## NAĦDMU GĦALL-GĦAQDA FRATERNA

Imma nippruvaw ilkoll, aħwa, kulħadd skont id-doni u t-talenti tiegħu, b'mod speċjali bl-użu tal-mezzi soċjali li għandna f'idejna, nagħtu sehem tajjeb, qawwi, sħiħ, biex inkabbru aktar l-għaqda bejnietna. Jiena m'għandi ebda dubju li l-Beatu Carlo jwettaqna fir-rieda tajba tagħna biex aħna lkoll nagħtu sehemna ħa nqiegħdu ġebla oħra fil-bini ta' dinja isbaħ u aħjar, aktar fraterna, kif għamel b'ħajtu qasira missierna San Franġisk u l-Beatu Carlo, f'ħajtu iqsar ħafna minn tiegħu, imma bil-mezzi qawwija tassew ta' żminijietna. Nawguralkom ilkoll li lkoll nagħtu sehemna għal dan il-għan, biex nuru tassew li aħna lkoll aħwa. ■

FR PAUL BUGEJA OFMCap



# ĦOBŻ TAL-MEJTIN

Jeżistu ħafna riċetti marbuta maż-żmien tax-xahar ta' Novembru, ix-xahar tal-mejtin. Aħna l-Maltin nagħmlu l-ħelu hekk imsejjaħ 'għadam tal-mejtin'. It-Taljani fost tant riċetti għandhom din, imsejħa 'ħobz tal-mejtin'.

**Għandek bżonn:**

150 gr gallettini amaretti
350 gr gallettini ladyfingers
120 gr lewż
120 gr tin niexef
120 gr żbib
250 gr dqiq all-purpose
300 gr zokkor
50 gr kukkudina
kuċċarina baking powder
kuċċarina kannella mitħuna
1/4 ta' kuċċarina ground nutmeg
niskata melħ
125 gr prinjoli
6 abjad tal-bajd kbar
100 ml inbid abjad
icing sugar għal fuq il-ħobż



**Tisjir:**

1. Saħħan il-forn 180° C u lesti pjanċa bil-karta-forn għal-lest.
2. F'food processor itħan il-gallettini amaretti u ladyfingers u l-lewż sakemm isiru qishom dqiq.
3. Wara żid it-tin u kompli itħan sakemm tifforma għaġna.
4. Ġo skutella kbira ħallat it-taħlita tal-gallettini maż-żbib, dqiq, zokkor, kukkudina, baking powder, kannella, nutmeg, melħ u prinjol. Uża jdejk biex tgħaffeġ din it-taħlita biex hekk kollox jitħallat sew flimkien.
5. Wara żid l-abjad tal-bajd u l-inbid magħhom u ħallat sew.
6. Ħu mit-taħlita, ifforma ballun u ċċattjahom fuq it-tilar f'forma ovali. Ħalli spazju minn waħda għall-oħra għax dawn jikbru huma u jsiru.
7. Sajjar ġo forn 180° C għal madwar 30 minuta.
8. Wara li jsiru ħallihom jiksħu u għarbel ftit zokkor fin (icing sugar) fuqhom.

KOMPETIZZJONI

FR WISTIN ATTARD OFMCap



# TISLIBA NRU 187



1. Hekk għamilt l-għedewwa tiegħek. (2 Sam. 7, 9) (5)
2. Għall-arka dan jagħmluh il-Leviti. (1 Kron. 15, 2) (6)
3. U tkun... il-kliem sabiħ. (Prov. 23, 8) (5)
4. Isem din il-belt tas-Samarija. (Ġw. 4, 5) (5)
5. Il-ħlas tal-miskin u ta' dan. (Dt. 24, 14) (4)
6. Min belagħhom. (Eż. 15, 5) (5)
7. Lot, mhux tifel ġust. (2 Pt. 2, 7-8) (5)
8. ... jekk tibqa' togħla 'l fuq. (Għabd. 1, 4) (5)
9. U lanqas in-nies ta' hawn. (Imħ. 1, 27) (3)
10. U ***jingannaw*** ħafna nies. (Mt. 24, 5) (7)
11. u 12. X'kellha fuqha s-Sultana Vasti. (Est. 1, 11) (6)
13. ... meta narakom. (Kol. 2, 5) (6)
14. Ma jkollu xejn hekk xi jgħid fuqna. (Tit. 2, 8) (5)
15. Xorbuh għadu ġdid. (Atti 2, 13) (5)
16. Mid-deżert sa hawn. (Eżek. 6, 14) (5)
17. Dan tas-siġar taż-żebbuġ. (Ħab. 3, 17) (5)
18. Għax qegħdin hekk. (2 Kor. 8, 20) (7)
19. Minxura fl-art dawn u x-xjuħ. (Lam. 2, 21) (4)
20. ***Imtela*** bil-qilla. (1 Mak. 2, 24) (3)
21. Hekk u jistinka. (Sir. 11, 11) (5)
22. Minn fejn kien ir-riħ. (Ħag. 2, 17) (5)

# NRU 48 OĠĠETTI MILL-BIBBJA (8)

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| B | N | A | F | T | A | R | L | E | U | L | E | V |
| A | Q | E | L | M | P | F | E | L | M | U | I | A |
| Ħ | X | F | S | I | A | U | Ż | I | N | Ċ | M | Ż |
| A | M | Q | O | L | N | K | O | B | S | E | F | U |
| I | O | Ħ | A | T | E | F | M | I | I | N | U | N |
| N | Z | I | B | T | D | X | W | D | O | F | E | L |
| K | P | Ċ | Q | E | U | Z | X | S | K | E | M | Ċ |
| W | O | L | X | K | P | O | Ċ | U | R | W | D | B |
| I | A | W | T | R | E | U | K | Q | N | Ċ | E | S |
| N | D | I | A | U | S | K | O | R | O | A | M | A |
| A | F | Ħ | Ż | Ċ | E | P | A | D | W | T | X | T |
| Ħ | A | Ċ | I | M | A | K | T | U | R | P | O | E |
| B | T | Q | X | U | R | S | Ġ | E | B | I | Ż | N |

BAĦAR
BSATEN
ĊENSIER
ĊURKETT
EFOD
ELMU
IMFIETAĦ
INKWINA
LEXXUNA
LOQMA
MAKTUR
MEKKUK
NAFTA
OQSMA
QOTON
QXUR
UŻIN
VAŻUN
VELU
ŻIBEĠ

**Soluzzjoni għal Tisliba #186**

1. Qered; 2. Misael; 3. Tajba; 4. Niġru; 5. Aħwa; 6. David; 7. Elija; 8. Ilħna; 9. Ela; 10. Barrani; 11 u 12. Iljuna; 13. Nifraħ; 14. Ħarab; 15. Xitan; 16. Ħakma; 17. Isbaħ; 18. Amarija; 19. Armi; 20. Fis; 21. Armla; 22. Mnara.

Agendabookshop

**Ir-rebbieħa tal-ħarġa ta' Settembru 2020**

Ir-rebbieħa ta' kull kompetizzjoni jingħataw żewġ kotba mogħtija ġentilment minn **AGENDA – MILLER DISTRIBUTORS LIMITED**. Ir-rebbieħa jittella' bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-15 tax-xahar. Ir-rebbieħ tat-Tisliba Nru 186 hija: RITA DESIRA li toqgħod fid-dar 24, Triq l-Infanterija, Ħal Kirkop, KRP 1270. Ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni AĦSEB U WIEĠEB hija MONIKA ATTARD li toqgħod fid-dar 'Shalom', 6, Triq il-Kbira, Tas-Sliema, SLM 1214. Nistiednu lir-rebbieħa sabiex jiġu jiġbru l-premju mogħti lilhom mill-Uffiċċju tal-Missjoni Kapuċċini, il-Furjana.

# 8 MODI KIF TISTA' TGĦIN

## L-EWWEL U QABEL KOLLOX OFFRI T-TALB U S-SAGRIFIĊĊJI TIEGĦEK GĦALL-ĦTIĠIJIET SPIRITWALI TAL-MISSJUNARJI.

**1. BORŻA TA' STUDJU**
sabiex tgħin seminarista jsir saċerdot Franġiskan Kapuċċin. Minbarra li tkun qed tinvesti sabiex tadotta saċerdot, hu jadotta lilek billi jitlob għalik kuljum f'kull quddiesa li jqaddes f'ħajtek u wara mewtek. Kull borża ta' studju tiswa €600.

**2. IBAGĦTULNA BOLOL TAJBIN JEW UŻATI**
Naċċettaw kull tip ta' bolol. Tarmuhomx imma faddluhom u ibagħtuhomlna. **JEW EJJEW IXTRU BOLOL UŻATI**. Kilo bolol użati aħna nbigħuh b'€10.

**3. NAPPREZZAW LI TIBAGĦTULNA RĊEVUTI**
tal-VAT sabiex nidħlu biċ-ċans tal-lotterija u f'każ ta' rebħ kollox imur għall-missjoni. Importanti li l-irċevuti jkunu għandna mhux aktar tard mit-8 tax-xahar rispettiv.

**4. BAZAAR B'RISQ IL-MISSJONI**
Minħabba l-kriżi tal-Coronavirus bħalissa l-bazaar b'risq il-missjoni fil-Furjana huwa magħluq. Għalhekk la qed isir bejgħ u lanqas qed naċċettaw għotjiet għall-bazaar.

**5. QEGĦDIN NOĦORĠU ĦAFNA FLUS FI SPEJJEŻ TAL-POSTA**
sabiex inqassmu r-rivista *DAWL FRANĠISKAN* minħabba nuqqas ta' distributuri f'ċerti bliet u rħula. OFFRI B'MOD VOLONTARJU S-SERVIZZ TIEGĦEK BIEX TQASSAM IR-RIVISTA FIL-BELT JEW RAĦAL TIEGĦEK. Għandna bżonn: Bormla, parti minn Birkirkara, Tas-Sliema, Santa Luċija, Ħal Tarxien, l-Imsida u San Ġiljan.

**6. GĦAJNUNA FL-EDUKAZZJONI TAT-TFAL**
B'€10 fix-xahar jew €120 fis-sena tkun qed tgħin tifel jew tifla biex jingħataw edukazzjoni – uniformi tal-iskola u l-ikel fl-iskola. Tingħata l-isem u r-ritratt tat-tifel jew tifla li inti bi mħabba tadotta sabiex tagħtiha l-edukazzjoni b'xejn.

**7. INTENZJONIJIET GĦALL-QUDDIES**
Meta tagħtu flus biex isir quddies għall-missjoni tkunu qed tagħmlu opra ta' karità doppja: tgħinu lill-missjunarji u lill-erwieħ mejtin.

**8. META TIĠI BIEX TAGĦMEL IT-TESTMENT,**
wara li taħseb f'ruħek u fil-familjari tiegħek fittex li tkun ġeneruż/a BILLI TĦALLI XI ĦAĠA B'RISQ IL-MISSJONI.



**Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:**
**Fr Philip Cutajar OFMCap**
**Segretarju tal-Missjoni,**
**Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, il-Furjana**
**Telefown: 2123 3874 / 2123 4949 / 2122 5525**
**Imejl: dawlfrangiskan@gmail.com**

BOV Kont Missjoni Kenja 40019998299
Kont Missjoni Kenja 089-021505-050
APS bank Kont Missjoni Kenja 2000039057-6
BOV Kont Proġett - Hola Kenja 40019994646
Kont Proġett - Hola Kenja 089-021-505-052